REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2178

tas-6 ta' Lulju 2021

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-kontenut u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata minn impriżi soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE dwar attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, u li jispeċifika l-metodoloġija biex ikun hemm konformità ma' dan l-obbligu ta' żvelar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2020/852 jirrikjedi li l-impriżi li huma soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jiddivulgaw kif, u sa liema punt, l-attivitajiet tagħhom huma assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 jirrikjedi li l-impriżi mhux finanzjarji jiddivulgaw informazzjoni dwar il-proporzjon tal-fatturat, in-nefqa kapitali u n-nefqa operatorja ("indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ") tal-attivitajiet tagħhom relatati ma' assi jew proċessi assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Madankollu, dik id-dispożizzjoni ma tispeċifikax indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ekwivalenti għall-impriżi finanzjarji, jiġifieri l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-maniġers tal-assi, id-ditti tal-investiment u l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 jiġi ssupplimentat biex jiġu speċifikati l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-impriżi finanzjarji u jiġu speċifikati aktar il-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata mill-impriżi kollha u l-metodoloġija għall-konformità ma' dik id-divulgazzjoni.

(2) Huwa meħtieġ li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 minn impriżi mhux finanzjarji li huma soġġetti għall-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE. Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti regoli li jispeċifikaw aktar il-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, inkluża l-metodoloġija għall-konformità ma' dawk ir-regoli. Sabiex l-investituri u l-pubbliku jkunu jistgħu jivvalutaw kif xieraq il-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli ("attivitajiet allinjati mat-Tassonomija") ta' impriżi mhux finanzjarji, jenħtieġ li dawk l-impriżi jkunu meħtieġa jiddivulgaw liema mill-attivitajiet ekonomiċi tagħhom huma allinjati mat-Tassonomija. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi divulgat għal liema objettivi ambjentali dawk l-attivitajiet jikkontribwixxu b'mod sinifikanti. Għalhekk, jenħtieġ li l-impriżi mhux finanzjarji jipprevedu wkoll diżaggregazzjoni, fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-proporzjon, tal-attivitajiet allinjati mat-Tassonomija abbażi ta' kull objettiv ambjentali li għalih jikkontribwixxu b'mod sostanzjali dawk l-attivitajiet.

(3) Il-fatturat, in-nefqa tal-kapital u n-nefqa operattiva huma irrilevanti għall-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet finanzjarji, inklużi s-self, l-investiment u l-assigurazzjoni. Għalhekk, it-tliet indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-impriżi mhux finanzjarji stabbiliti fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 ma humiex xierqa biex juru sa liema punt l-attivitajiet ekonomiċi tal-impriżi finanzjarji huma allinjati mat-Tassonomija. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu previsti indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni speċifiċi u metodoloġiji ta' kalkolu għal tali indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin għall-impriżi finanzjarji. Sabiex jiġi appoġġat il-fehim tas-swieq ta' dawk l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni, kwalunkwe divulgazzjoni ta' dawk l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn informazzjoni kwalitattiva li tippermetti lill-impriżi finanzjarji jispjegaw id-determinazzjoni tagħhom tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

(4) Jenħtieġ li l-investituri u l-pubbliku jkunu jistgħu jivvalutaw il-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija segwiti mill-impriżi li fihom isir investiment. Il-maniġers tal-assi għandhom għalhekk jiddivulgaw il-proporzjon ta' investimenti li għamlu f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija fil-valur tal-investimenti kollha mmaniġġjati minnhom li jirriżultaw kemm mill-attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' portafolji kollettivi kif ukoll individwali tagħhom. Dak il-proporzjon ta' investimenti allinjati mat-Tassonomija jenħtieġ li jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija tal-impriżi li fihom isir l-investiment li jirriżulta mill-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni rispettivi tagħhom peress li dawn l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni jirriflettu l-prestazzjoni ambjentali tal-impriżi li fihom isir l-investiment.

(5) L-attività ewlenija tal-istituzzjonijiet ta' kreditu hija l-forniment ta' finanzjament u investimenti fl-ekonomija reali. L-iskoperturi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-impriżi li jiffinanzjaw jew li jinvestu fihom huma riflessi bħala assi fil-karta bilanċjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Jenħtieġ li l-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni prinċipali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jkun il-proporzjon tal-assi ekoloġiċi (green asset ratio - GAR), li juri l-proporzjon ta' skoperturi relatati ma' attivitajiet allinjati mat-Tassonomija meta mqabbel mal-assi totali ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Jenħtieġ li l-GAR ikun relatat man-negozju ewlieni tas-self u tal-investiment tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluż is-self, l-avvanzi u t-titoli ta' dejn, u mal-parteċipazzjonijiet tagħhom fl-ekwità biex jirrifletti l-qies sa fejn dawn l-istituzzjonijiet jiffinanzjaw attivitajiet allinjati mat-Tassomonija.

(6) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqu wkoll servizzi u attivitajiet kummerċjali oħra apparti l-forniment ta' finanzjament. Dawk l-attivitajiet jiġġeneraw tariffi u introjtu mill-kummissjoni. Huwa meħtieġ li l-investituri u l-pubbliku jkunu jistgħu jivvalutaw il-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija segwiti mir-riċevituri ta' dawk is-servizzi. Istituzzjonijiet ta' kreditu li huma soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li għalhekk jiddivulgaw ukoll liema proporzjon tat-tariffi u tal-introjtu mill-kummissjoni tagħhom huwa derivat minn servizzi kummerċjali u minn attivitajiet li huma assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija tal-klijenti tagħhom.

(7) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jimmaniġġaw assi sottostanti jew jipprovdu garanziji finanzjarji, li jwasslu għal skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali. Biex l-investituri u l-pubbliku jivvalutaw il-proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-Tassonomija li jwettqu l-istituzzjonijiet ta' kreditu, għal dawk l-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li jiddivulgaw il-proporzjon ta' attivitajiet allinjati mat-Tassonomija fl-assi sottostanti li jimmaniġġaw jew fl-obbligi li tagħhom jiggarantixxu l-prestazzjoni.

(8) Minbarra d-divulgazzjonijiet dwar il-portafoll bankarju tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li jiddivulgaw separatament il-kompożizzjoni ġenerali tal-assi totali tagħhom, inkluż il-portafoll tan-negozjar tagħhom, u l-limiti f'termini ta' riskji tal-klima u ambjentali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu b'attività kummerċjali sinifikanti jenħtieġ li jkunu soġġetti għal obbligi ta' divulgazzjonijiet aktar granulari tal-portafoll tan-negozjar tagħhom.

(9) Huwa importanti li l-investituri u l-pubbliku jiġu pprovduti b'ħarsa ġenerali sħiħa lejn liema investimenti ditta tal-investiment li hija soġġetta għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE tkun għamlet f'attivitajiet allinjati mat-Tassonomija. Għalhekk, jenħtieġ li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għal dawn id-ditti tal-investiment ikopru kemm meta jinnegozjaw f'isimhom stess kif ukoll meta jinnegozjaw f'isem il-klijenti. Id-divulgazzjoni tal-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni meta jinnegozjaw f'isimhom stess jenħtieġ li tirrifletti liema proporzjon tal-assi totali huwa magħmul minn assi relatati ma' attivitajiet allinjati mat-Tassonomija. Dak l-indikatur jenħtieġ li jiffoka fuq l-investimenti tad-ditti tal-investiment, inklużi titoli ta' dejn u strumenti ta' ekwità f'kumpaniji ta' investiment. L-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni għas-sostenibbiltà ambjentali tas-servizzi u l-attivitajiet tad-ditti tal-investiment f'isem il-klijenti kollha tagħhom jenħtieġ li jkun ibbażat fuq id-dħul fil-forma ta' tariffi, kummissjonijiet u benefiċċji monetarji oħrajn li d-ditti tal-investiment jiġġeneraw mis-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment tagħhom magħmula għall-klijenti tagħhom.

(10) L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li jkopru l-attivitajiet ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja u l-politika ta' investiment tagħhom li huma parti mill-mudell tan-negozju tagħhom biex juru l-qies sa fejn dawn l-attivitajiet huma alinjati mat-Tassonomija. Indikatur ewlieni tal-prestazzjoni wieħed jenħtieġ li jkun relatat mal-politika ta' investiment ta' tali impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għall-fondi miġbura mill-attivitajiet ta' sottoskrizzjoni tagħhom u jenħtieġ li juri l-proporzjon ta' assi investiti f'attivitajiet

allinjati mat-tassonomija fl-assi kumplessivi tagħhom. It-tieni indikatur jenħtieġ li jkun relatat mal-attivitajiet ta' sottoskrizzjoni nfushom u jenħtieġ li juri liema proporzjon tal-attivitajiet kumplessivi ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja huwa magħmul minn attivitajiet ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima u li jitwettqu f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/2139 ([3]) (l-Att Delegat dwar il-Klima).

(11) L-impriżi finanzjarji li huma soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE jenħtieġ li jqisu l-iskopertura għal, jew investimenti f'impriżi mhux finanzjarji li ma humiex soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE fil-kalkolu tan-numeratur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. L-inklużjoni ta' tali skoperturi fin-numeratur tista' tiġi kkunsidrata fiż-żmien tar-rieżami ta' dan l-Att Delegat li se tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Dawk l-impriżi mhux finanzjarji jistgħu jiddeċiedu li jiddivulgaw b'mod volontarju l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħhom, jew biex ikollhom aċċess għal finanzjament ambjentalment sostenibbli bħala parti minn skemi speċifiċi ta' tikkettar ekoloġiku u prodotti finanzjarji ambjentalment sostenibbli, jew bħala parti mill-istrateġija ġenerali tan-negozju tagħhom ibbażata fuq is-sostenibbiltà ambjentali.

(12) Fid-dawl tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tal-Att Delegat dwar il-Klima sa tmiem l-2021 u d-diffikultajiet materjali għall-valutazzjoni tal-konformità tal-attivitajiet ekonomiċi fl-2022 mal-kriterji tekniċi ta' skrinjar stabbiliti f'dak ir-Regolament Delegat għas-sena ta' rapportar preċedenti, l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-2022 jenħtieġ li tkun limitata għal ċerti elementi u rappurtar kwalitattiv, bid-dispożizzjonijiet li jifdal jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023 għal impriżi mhux finanzjarji u mill-1 ta' Jannar 2024 għal impriżi finanzjarji. Barra minn hekk, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu relatati mal-portafoll tan-negozjar u l-kummissjoni u t-tariffi tagħhom għal servizzi u attivitajiet kummerċjali oħra minbarra l-forniment ta' finanzjament jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026.

(13) Minħabba n-nuqqas attwali ta' metodoloġija ta' kalkolu xierqa, l-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali, għall-banek ċentrali u għall-emittenti supranazzjonali għandhom jiġu eskluži mill-kalkolu tan-numeratur u tad-denominatur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. L-impriżi finanzjarji jistgħu, fuq bażi volontarja, jipprovdu informazzjoni fir-rigward ta' skoperturi għal bonds allinjati mat-tassonomija u titoli tad-dejn allinjati mat-tassonomija li jinħarġu minn gvernijiet ċentrali, banek ċentrali jew emittenti supranazzjonali. Jenħtieġ li jkun hemm reviżjoni sal-30 ta' Ġunju 2024 li tevalwa l-possibbiltà tal-inklużjoni ta' tali skoperturi fl-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "objettiv ambjentali" tfisser wieħed mill-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852;

(2) "Attività ekonomika allinjata mat-tassonomija" tfisser attività ekonomika li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852;

(3) "attività ekonomika tranżitorja" tfisser attività ekonomika li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2020/852;

(4) "attività ekonomika abilitanti" tfisser attività ekonomika li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2020/852;

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2139 tal-4 ta' Ġunju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (ĠU L 442, 9.12.2021, p. 1).

(5) "attività ekonomika eliġibbli għat-tassonomija" tfisser attività ekonomika li hija deskritta fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852, irrispettivament minn jekk dik l-attività ekonomika tissodisfax il-kriterji tekniċi kollha ta' skrinjar stabbiliti f'dawk l-atti delegati;

(6) "attività ekonomika mhux eliġibbli għat-tassonomija" tfisser attività ekonomika li ma hijiex deskritta fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852;

(7) "maniġer tal-assi" tfisser impriża li hija soġġetta għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u li hija waħda minn dawn li ġejjin:

(a) AIFM kif definit fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(b) kumpanija maniġerjali kif definita fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(c) kumpanija ta' investiment awtorizzata f'konformità mal-Artikoli 27, 28 u 29 tad-Direttiva 2009/65/KE u li ma tkunx ħatret għall-maniġment tagħha kumpanija maniġerjali awtorizzata f'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8 ta' dik id-Direttiva.

(8) "impriża finanzjarja" tfisser impriża li hija soġġetta għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u li hija maniġer tal-assi, istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), ditta tal-investiment kif definita fl-Artikolu 4(1)(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, impriża tal-assigurazzjoni kif definita fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), jew impriża tar-riassigurazzjoni kif definita fl-Artikolu 13(4) tad-Direttiva 2009/138/KE;

(9) "impriża mhux finanzjarja" tfisser impriża li hija soġġetta għall-obbligi ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u li ma hijiex impriża finanzjarja kif definit fil-punt (8);

(10) "attività tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni allinjata mat-tassonomija" tfisser attività tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fit-Taqsimiet 10.1. u 10.2. tal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139.

Artikolu 2

Divulgazzjonijiet minn impriżi mhux finanzjarji

1. L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2020/852 kif speċifikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'forma ta' tabella billi jintużaw il-formoli stabbiliti fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([4]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

([5]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal- impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1).

Artikolu 3

Divulgazzjonijiet mill-maniġers tal-assi

1. Il-maniġers tal-assi għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2020/852 kif speċifikat fl-Annessi III u XI ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'forma ta' tabella billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Divulgazzjonijiet minn istituzzjonijiet ta' kreditu

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2020/852 kif speċifikat fl-Annessi V u XI ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'forma ta' tabella billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Divulgazzjonijiet minn ditti tal-investiment

1. Id-ditti tal-investiment għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2020/852 kif speċifikat fl-Annessi VII u XI ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'forma ta' tabella billi tintuża l-formola stabbilita fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Divulgazzjonijiet minn impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni

1. L-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2020/852 kif speċifikat fl-Annessi IX u XI ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata f'forma ta' tabella billi jintużaw il-formoli stabbiliti fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Regoli dwar id-divulgazzjoni komuni għall-impriżi finanzjarji kollha

1. L-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali, banek ċentrali u emittenti supranazzjonali għandhom jiġu eskluży mill-kalkolu tan-numeratur u tad-denominatur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-impriżi finanzjarji.

2. Id-derivattivi għandhom jiġu eskluży min-numeratur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

3. Skoperturi għal impriżi li mhumiex obbligati jippubblikaw informazzjoni mhux finanzjarja skont l-Artikolu 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE għandhom jiġu eskluży min-numeratur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-impriżi finanzjarji.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, bonds ambjentalment sostenibbli jew titoli ta' dejn bil-għan li jiffinanzjaw attivitajiet speċifiċi identifikati li jinħarġu minn impriża destinatarja ta' investiment għandhom jiġu inklużi fin-numeratur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni sal-valur sħiħ tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija li r-rikavat minn dawk il-bonds u t-titoli ta' dejn jiffinanzjaw, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-impriża destinatarja ta' investiment.

Skoperturi li l-għan tagħhom mhuwiex li jiffinanzjaw attivitajiet speċifiċi identifikati għandhom jiġu inklużi fin-numeratur ponderati bil-KPI tal-fatturat u bil-KPI tal-CapEx tal-emittent skont il-metodoloġija stabbilita fl-Annessi III, V, VII, u IX.

Meta destinatarja ta' investiment tkun ħarġet bonds jew titoli ta' dejn ambjentalment sostenibbli bil-għan li tiffinanzja attivitajiet speċifiċi identifikati, l-impriżi finanzjarji għandhom inaqqsu l-KPI tal-impriża destinatarja ta' investiment kif xieraq biex jiġi evitat l-għadd doppju.

5. Meta l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikoli 10(3), 11(3), 12(2), 13(2), 14(2) jew 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 jiġu emendati, is-self bi skop speċjali u l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 4 miżmuma mill-impriżi finanzjarji li jiffinanzjaw l-attivitajiet jew l-assi ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija, għandhom, fin-nuqqas ta' allinjament tal-attivitajiet jew tal-assi ekonomiċi ffinanzjati mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar emendati, jiġu rrapportati bħala tali skont dan ir-Regolament sa ħames snin wara d-data ta' applikazzjoni tal-atti delegati li jemendaw dawk il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar.

6. L-impriżi finanzjarji għandhom jipprevedu diżaggregazzjoni fin-numeratur meta applikabbli u fid-denominatur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għal:

(a) skoperturi għal impriżi mhux finanzjarji u investimenti fihom;

(b) skoperturi għal impriżi finanzjarji u investimenti fihom;

(c) skoperturi għal impriżi mhux finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni li ma humiex soġġetti għal obbligu li jippubblikaw rapport mhux finanzjarja skont l-Artikolu 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u investimenti fihom;

(d) skoperturi għal impriżi finanzjarji stabbiliti fl-Unjoni li ma humiex soġġetti għal obbligu li jippubblikaw rapport mhux finanzjarju skont l-Artikolu 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE msemmi fil-paragrafu 2 u investimenti fihom;

(e) skoperturi għal impriżi mhux finanzjarji stabbiliti f'pajjiż terz li ma humiex soġġetti għal obbligu li jippubblikaw rapport mhux finanzjarju skont l-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u investimenti fihom;

(f) skoperturi għal impriżi finanzjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi li ma humiex soġġetti għal obbligu li jippubblikaw rapport mhux finanzjarju skont l-Artikolu 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u investimenti fihom;

(g) skoperturi għal derivattivi u investimenti fihom;

(h) skoperturi u investimenti oħrajn.

7. L-impriżi finanzjarji jistgħu jużaw stimi għall-valutazzjoni tal-allinjament tat-tassonomija tal-iskoperturi tagħhom għall-impriżi msemmija fil-paragrafu (6), il-punti (e) u (f), meta dawk l-impriżi finanzjarji jkunu kapaċi juru konformità mal-kriterji kollha tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852, ħlief mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (b) ta' dak ir-Regolament.

L-impriżi finanzjarji għandhom jiffformalizzaw, jiddokumentaw u jippubblikaw il-metodoloġija li fuqha huma bbażati dawn l-istimi, inkluż l-approċċ u l-metodoloġija tar-riċerka, is-suppożizzjonijiet ewlenin u l-prinċipji ta' prekawzjoni użati.

L-impriżi finanzjarji għandhom jiddivulgaw:

(a) il-proporzjon ta' skoperturi allinjati mat-Tassonomija bbażati fuq stimi separatament mill-indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin tagħhom divulgati skont dan ir-Regolament;

(b) il-miżuri meħuda u l-perjodu ta' żmien meħtieġ biex tintwera l-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2020/852.

Artikolu 8

Regoli komuni għad-divulgazzjoni mill-impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji kollha

1. L-impriżi finanzjarji u l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jinkludu d-divulgazzjonijiet addizzjonali kollha li jakkumpanjaw l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti fl-Annessi I, III, V, VII, XI fl-istess partijiet tar-rapport mhux finanzjarju li jkun fihom dawk l-indikaturi jew għandhom jipprovdu kontroreferenzi għall-partijiet tar-rapport mhux finanzjarju li jkun fihom dawk l-indikaturi.

2. L-informazzjoni divulgata f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkopri l-perjodu ta' rapportar annwali missena kalendarja preċedenti tad-data tad-divulgazzjoni.

3. L-impriżi finanzjarji u l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jipprovdu fir-rapport mhux finanzjarju l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li jkopru l-perjodu ta' rappurtar preċedenti.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-ewwel perjodu ta' rappurtar annwali għandu jkopri s-sena 2023.

4. L-impriżi finanzjarji u l-impriżi mhux finanzjarji għandhom, fid-divulgazzjonijiet tagħhom, jużaw l-istess munita bħal fir-rapporti finanzjarji tagħhom.

L-impriżi finanzjarji għandhom jużaw l-aktar *data* reċenti disponibbli u l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-kontropartijiet tagħhom biex jikkalkulaw l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tagħhom stess.

5. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għandhom ikopru biss l-objettivi tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament sa tnax-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni tar-regolamenti delegati li jkun fihom il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar għall-objettivi ambjentali l-oħrajn u li jkunu ġew adottati skont l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852.

Artikolu 9

Rieżami

1. Sat-30 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari l-ħtieġa għal kwalunkwe emenda ulterjuri fir-rigward tal-inklużjoni ta':

(a) skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali fin-numeratur u fid-denominatur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-impriżi finanzjarji;

(b) skoperturi għal impriżi li ma jippubblikawx rapport mhux finanzjarju skont l-Artikoli 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE fin-numeratur tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-impriżi finanzjarji.

2. Ir-rieżami tal-iskoperturi tal-SMEs se jkun akkumpanjat minn valutazzjoni tal-impatt li tivvaluta l-piż amministrattiv, l-aċċess għall-finanzjament u l-impatti potenzjali fuq l-SMEs ta' estensjoni possibbli biex tkopri l-iskoperturi tal-SMEs li mhumiex koperti minn dan ir-Regolament Delegat jew biex jipprovdu tali informazzjoni b'mod volontarju.

3. L-iskoperturi għal u l-investimenti f'impriżi li ma jippubblikawx informazzjoni mhux finanzjarja skont l-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE u l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852, iżda li jipprovdu tali informazzjoni ekwivalenti b'mod volontarju, jistgħu jiġu inklużi fin-numeraturi tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-impriżi finanzjarji mill-1 ta' Jannar 2025 soġġett għall-valutazzjoni pożittiva msemmija fil-paragrafu (2).

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw biss il-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija u mhux eleġibbli għat-Tassonomija fil-fatturat totali, fin-nefqa kapitali u operazzjonali tagħhom u l-informazzjoni kwalitattiva msemmija fit-Taqsima 1.2. tal-Anness I rilevanti għal din id-divulgazzjoni.

3. Mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2023, l-impriżi finanzjarji għandhom jiddivulgaw biss:

(a) il-proporzjon fl-assi totali tagħhom ta' skoperturi għal attivitajiet ekonomiċi mhux eliġibbli għat-Tassonomija u eliġibbli għat-Tassonomija;

(b) il-proporzjon fl-assi totali tagħhom tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 7, il-paragrafi 1 u 2;

(c) il-proporzjon fl-assi totali tagħhom tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 7(3);

(d) l-informazzjoni kwalitattiva msemmija fl-Anness XI.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw ukoll il-proporzjon tal-portafoll tan-negozjar tagħhom u fuq talba s-self interbankarju fl-assi totali tagħhom.

L-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni għandhom jiddivulgaw ukoll il-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja eliġibbli għat-Tassonomija u mhux eleġibbli għat-Tassonomija.

4. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-impriżi mhux finanzjarji, inkluż kwalunkwe informazzjoni ta' akkumpanjament li għandha tiġi ddivulgata skont l-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu divulgati mill-1 ta' Jannar 2023.

5. L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-impriżi finanzjarji, inkluż kwalunkwe informazzjoni ta' akkumpanjament li għandha tiġi ddivulgata skont l-Anness III, V, VII, IX, XI ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu divulgati mill-1 ta' Jannar 2024.

It-taqsimiet 1.2.3. u 1.2.4. tal-Anness V għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

KPIs TA' IMPRIŻI MHUX FINANZJARJI

1. **IL-KONTENUT TAL-KPIs LI GĦANDHOM JIĠU DDIVULGATI MILL-IMPRIŻI MHUX FINANZJARJI**

1.1. *Speċifikazzjoni tal-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin (KPI)*

1.1.1. KPI relatat mal-fatturat (KPI tal-fatturat)

Il-proporzjon tal-fatturat imsemmi fl-Artikolu 8(2)(a) tar-Regolament (UE) 2020/852 għandu jiġi kkalkolat bħala l-parti tal-fatturat nett derivat minn prodotti jew servizzi, inklużi assi intanġibbli, assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija (numeratur) diviż bil-fatturat nett (denominatur) kif definit fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/34/UE. Il-fatturat għandu jkopri d-dħul rikonoxxut skont l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 1, il-paragrafu 82(a) kif adottat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ([1]).

Il-KPI msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jeskludi min-numeratur tiegħu l-parti tal-fatturat nett derivat minn prodotti u minn servizzi assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi li ġew adattati għat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament (UE) 2020/852 u f'konformità mal-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2021/2139 dment li dawk l-attivitajiet:

(a) ikunu jikkwalifikaw bħala attivitajiet abilitanti f'konformità mal-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament 2020/852, jew

(b) ikunu huma stess allinjati mat-Tassonomija.

1.1.2. KPI relatat man-nefqa tal-kapital (CapEx)(KPI tal-CapEx)

Il-proporzjon tal-CapEx imsemmi fl-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament (UE) 2020/852 għandu jiġi kkalkolat bħala n-numeratur diviż bid-denominatur kif speċifikat fil-punti 1.1.2.1. u 1.1.2.2. ta' dan l-Anness.

1.1.2.1. Denominatur

Id-denominatur għandu jkopri ż-żidiet mal-assi tanġibbli u intanġibbli matul is-sena finanzjarja kkunsidrata qabel id-deprezzament, l-amortizzament u kwalunkwe kejl mill-ġdid, inklużi dawk li jirriżultaw minn evalwazzjonijiet mill-ġdid u indebolimenti, għas-sena finanzjarja rilevanti u esklużi l-bidliet abbażi tal-valur ġust. Id-denominatur għandu jkopri wkoll iż-żidiet mal-assi tanġibbli u intanġibbli li jirriżultaw minn kombinamenti ta' negozji.

Għal impriżi mhux finanzjarji li japplikaw standards internazzjonali ta' rappurtar finanzjarju (IFRS) kif adottati mir-Regolament (KE) Nru 1126/2008, il-CapEx għandha tkopri l-kostijiet li jiġu kontabbilizzati abbażi ta':

(a) IAS 16 Proprjetà, Impjanti u Tagħmir, il-paragrafi 73(e)(i) u (iii);

(b) IAS 38 Assi Intanġibbli, il-paragrafu 118(e)(i);

(c) IAS 40 Proprjetà għall-Investiment, il-paragrafi 76(a) u (b) (għall-mudell abbażi tal-valur ġust);

(d) IAS 40 Proprjetà għall-Investiment, il-paragrafu 79(d)(i) u (ii) (għall-mudell tal-kost);

(e) IAS 41 Agrikoltura, il-paragrafu 50(b) u (e);

(f) IFRS 16 Lokazzjonijiet, il-paragrafu 53(h).

Għal impriżi mhux finanzjarji li japplikaw prinċipji kontabilistiċi nazzjonali ġeneralment aċċettati (GAAP), il-CapEx għandha tkopri l-kostijiet kontabbilizzati skont il-GAAP applikabbli li jikkorrispondu għall-kostijiet inklużi fin-nefqa tal-kapital minn impriżi mhux finanzjarji li japplikaw l-IFRS.

Il-lokazzjonijiet li ma jwasslux għar-rikonoxximent ta' dritt ta' użu fuq l-assi ma għandhomx jingħaddu bħala CapEx.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

1.1.2.2. Numeratur

In-numeratur huwa daqs il-parti tan-nefqa tal-kapital inkluża fid-denominatur li hija li hija kwalunkwe minn:

(a) relatata ma' assi jew ma' proċessi li huma assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija;

(b) parti minn pjan biex jiġu estiżi l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija jew biex l-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija jkunu jistgħu jsiru allinjati mat-Tassonomija ("pjan tal-CapEx") skont il-kundizzjonijiet speċifikati fit-tieni subparagrafu ta' dan il-punt 1.1.2.2.;

(c) relatata max-xiri ta' output minn attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija u miżuri individwali li jippermettu li l-attivitajiet fil-mira jsiru b'livell baxx ta' karbonju jew li jwasslu għal tnaqqis ta' gassijiet serra, b'mod partikolari l-attivitajiet elenkati fil-punti 7.3 sa 7.6 tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima, kif ukoll attivitajiet ekonomiċi oħra elenkati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 u dment li tali miżuri jkunu implimentati u operazzjonali fi żmien 18-il xahar.

Il-pjan CapEx imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt 1.1.2.2. għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pjan għandu l-għan jew li jespandi l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija tal-impriża jew li jtejjeb l-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija biex jagħmilhom allinjati mat-Tassonomija fi żmien ħames snin;

(b) il-pjan għandu jiġi ddivulgat fil-livell aggregat tal-attività ekonomika u jiġi approvat mill-korp maniġerjali ta' impriżi mhux finanzjarji direttament jew b'delega.

Meta l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar rilevanti jiġu emendati qabel it-tlestija tal-pjan CapEx, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jew jaġġornaw il-pjan fi żmien sentejn biex jiżguraw li l-attivitajiet ekonomiċi msemmija fil-punt (a) ikunu allinjati mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar emendati mat-tlestija tal-pjan jew jiddikjaraw mill-ġdid in-numeratur tal-KPI CapEx. L-aġġornament tal-pjan għandu jerġa' jibda l-perjodu msemmi fil-punt (a). Il-perjodu msemmi fil-punt (a) tat-tieni paragrafu ta' dan il-punt 1.1.2.2. jista' jaqbeż il-ħames snin biss meta perjodu itwal ikun iġġustifikat oġġettivament minn karatteristiċi speċifiċi tal-attività ekonomika u t-titjib ikkonċernat, b'massimu ta' 10 snin. Dik il-ġustifikazzjoni għandha tidher fil-pjan CapEx innifsu u fl-informazzjoni kuntestwali dettaljata taħt il-punt 1.2.3. ta' dan l-Anness.

Meta l-pjan CapEx jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fit-tieni paragrafu ta' dan il-punt 1.1.2.2., il-KPI ppubblikat preċedentement relatat man-nefqa kapitali għandu jiġi ddikjarat mill-ġdid.

In-numeratur għandu jkun fih ukoll il-parti tal-KapEx għall-adattament tal-attivitajiet ekonomiċi għat-tibdil fil-klima skont l-Anness II ta' dan l-Att Delegat dwar il-Klima. In-numeratur għandu jipprevedi diżaggregazzjoni għall-parti tal-CapEx allokata għal kontribuzzjoni sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

1.1.3. KPI relatat man-nefqa operattiva (OpEx) (KPI tal-OpEx)

Il-proporzjon ta' OpEx imsemmi fl-Artikolu 8(2), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2020/852 għandu jiġi kkalkulat bħala n-numeratur diviż bid-denominatur kif speċifikat fil-punti 1.1.3.1. u 1.1.3.2. ta' dan l-Anness.

1.1.3.1. Denominatur

Id-denominatur għandu jkopri l-kostijiet diretti mhux kapitalizzati relatati mar-riċerka u l-iżvilupp, il-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-bini, il-lokazzjoni għal żmien qasir, il-manutenzjoni u t-tiswija, u kwalunkwe nefqa diretta oħra relatata mas-servizzjar ta' kuljum tal-assi ta' proprjetà, impjanti u tagħmir mill-impriża jew il-parti terza li lilha jiġu esternalizzati l-attivitajiet li huma meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament kontinwu u effettiv ta' tali assi.

Impriżi mhux finanzjarji li japplikaw il-GAAP nazzjonali u li mhumiex jikkapitalizzaw assi bid-dritt tal-użu għandhom jinkludu l-kostijiet tal-lokazzjoni fl-OpEx flimkien mal-kostijiet elenkati fl-ewwel subparagrafu tal-punt 1.1.3.1. ta' dan l-Anness.

1.1.3.2. Numeratur

In-numeratur huwa daqs il-parti tan-nefqa operattiva inkluża fid-denominatur li hija kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) relatata ma' assi jew proċessi assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija, inkluż taħriġ u ħtiġijiet oħra ta' adattament tar-riżorsi umani, u kostijiet diretti mhux kapitalizzati li jirrappreżentaw ir-riċerka u l-iżvilupp;

(b) parti mill-pjan CapEx biex jespandi l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija jew jippermetti li attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija jsiru allinjati mat-Tassonomija f'perjodu ta' żmien definit minn qabel kif stabbilit fit-tieni paragrafu ta' dan il-punt 1.1.3.2;

(c) relatata max-xiri ta' output minn attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija u ma' miżuri individwali li jippermettu li l-attivitajiet fil-mira jsiru b'livell baxx ta' karbonju jew li jwasslu għal tnaqqis fil-gassijiet serra kif ukoll miżuri individwali ta' rinnovazzjoni tal-bini kif identifikati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) jew l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852 u dment li tali miżuri jkunu implimentati u operazzjonali fi żmien 18-il xahar.

Il-pjan CapEx imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt 1.1.3.2 għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt 1.1.2.2. ta' dan l-Anness.

Il-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp li diġà tqiesu fil-KPI tal-CapEx ma għandhomx jitqiesu bħala OpEx.

In-numeratur għandu jinkludi wkoll il-parti tal-OpEx għall-adattament tal-attivitajiet ekonomiċi għat-tibdil fil-klima skont l-Anness II tal-Att Delegat dwar il-Klima. In-numeratur għandu jipprevedi diżaggregazzjoni għall-parti tal-OpEx allokata għal kontribut sostanzjali għall-adattament għat-tibdil fil-klima.

Meta n-nefqa operattiva ma tkunx materjali għall-mudell kummerċjali tal-impriżi mhux finanzjarji, dawk l-impriżi għandhom:

(a) ikunu eżentati mill-kalkolu tan-numeratur tal-KPI OPEX f'konformità mal-punt 1.1.3.2 u jiddivulgaw dak in-numeratur bħala ugwali għal żero;

(b) jiddivulgaw il-valur totali tad-denominatur OpEx ikkalkulat f'konformità mal-punt 1.1.3.1;

(c) jispjegaw in-nuqqas ta' materjalità tan-nefqa operattiva fil-mudell kummerċjali tagħhom.

1.2. *Speċifikazzjoni tad-divulgazzjonijiet li jakkumpanjaw il-KPIs ta' impriżi mhux finanzjarji*

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja li takkumpanja l-KPIs rilevanti.

1.2.1. Politika tal-kontabilità

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jispjegaw:

(a) kif il-fatturat, in-nefqa tal-kapital u n-nefqa operattiva ġew iddeterminati u allokati għan-numeratur;

(b) il-bażi li fuqha ġew ikkalkulati l-fatturat, in-nefqa tal-kapital u n-nefqa operattiva, inkluż kwalunkwe valutazzjoni fl-allokazzjoni tad-dħul jew tal-infiq għal attivitajiet ekonomiċi differenti.

Għall-fatturat u n-nefqa kapitali, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jinkludu referenzi għall-partiti relatati fir-rapporti mhux finanzjarji;

Meta l-applikazzjoni ta' kwalunkwe kalkolu tkun inbidlet mill-perjodu ta' rapportar preċedenti, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jispjegaw għaliex dawk il-bidliet jirriżultaw f'informazzjoni aktar affidabbli u rilevanti u jipprovdu għal ċifri komparattivi ddikjarati mill-ġdid.

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw kwalunkwe bidla materjali li tkun seħħet matul il-perjodu ta' rapportar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet CapEx kif iddivulgat skont il-punt u 1.1.2 ta' dan l-Anness. L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw dan li ġej kollu:

(a) il-bidliet materjali li seħħew fil-pjan CapEx u r-raġunijiet għal dawk il-bidliet;

(b) l-impatt ta' tali bidliet fuq il-potenzjal li l-attivitajiet ekonomiċi tal-impriża jsiru allinjati mat-Tassonomija u fuq il-perjodu ta' żmien li fih din il-bidla hija mistennija li sseħħ;

(c) id-dikjarazzjoni mill-ġdid tal-KPI tal-CapEx u tal-OpEx għal kull sena ta' rappurtar li tkun għaddiet koperta mill-pjan kull meta l-bidliet fil-pjan kellhom impatt fuq dawk il-KPIs.

1.2.2. Valutazzjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2020/852

1.2.2.1. Informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2020/852:

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom:

(a) jiddeskrivu n-natura tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom eliġibbli għat-Tassonomija u allinjati mat-Tassonomija, billi jirreferu għall-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 11(3), l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2020/852;

(b) jispjegaw kif ivvalutaw il-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852 u l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar assoċjati inklużi fl-atti delegati msemmija fil-punt (a);

(c) jispjegaw kif evitaw kwalunkwe għadd doppju fl-allokazzjoni fin-numeratur tal-KPIs tal-fatturat, tal-CapEx, u tal-OpEx fl-attivitajiet ekonomiċi kollha.

1.2.2.2. Kontribuzzjoni għal objettivi multipli

Meta attività ekonomika tikkontribwixxi għal diversi objettivi ambjentali, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom:

(a) juru konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/852, b'mod partikolari mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar fir-rigward ta' diversi objettivi ambjentali;

(b) jiddivulgaw il-fatturat, il-CapEx u l-OpEx minn dik l-attività bħala li jikkontribwixxu għal diversi objettivi ambjentali;

(c) jgħoddu darba biss il-fatturat minn dik l-attività fin-numeratur tal-KPIs fil-punt 1.1 ta' dan l-Anness biex jiġi evitat l-għadd doppju.

1.2.2.3. Diżaggregazzjoni tal-KPIs

Meta l-KPIs għal attività ekonomika jridu jiġu diżaggregati, b'mod partikolari meta l-faċilitajiet tal-produzzjoni jintużaw b'mod integrat, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiżguraw li:

(a) kwalunkwe diżaggregazzjoni tkun ibbażata fuq kriterji li huma xierqa għall-proċess tal-produzzjoni li qed jiġi implimentat u tkun tirrifletti l-ispeċifiċitajiet tekniċi ta' dak il-proċess;

(b) tingħata informazzjoni xierqa li takkumpanja l-KPIs dwar il-bażi ta' tali diżaggregazzjoni.

1.2.3. Informazzjoni kuntestwali

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jispjegaw iċ-ċifri ta' kull KPI u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla f'dawk iċ-ċifri fil-perjodu ta' rappurtar.

L-impriżi mhux finanzjarji jistgħu jiddivulgaw KPIs addizzjonali bbażati fuq il-fatturat, Capex, Opex) li jinkludu investimenti f'ekwità kontabilizzati f'impriżi konġunti, skont l-IFRS 11 jew IAS28, fuq bażi prorata li tikkorrispondi għas-sehem tagħhom fl-ekwità tal-impriża konġunta.

1.2.3.1. Informazzjoni kuntestwali dwar il-KPI tal-fatturat

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jipprovdu dan li ġej kollu:

(a) tqassim kwantitattiv tan-numeratur sabiex jintwerew l-ixprunaturi ewlenin tal-bidla fil-fatturat KPI matul il-perjodu tar-rapportar, bħal dħul minn kuntratti mal-klijenti, dħul minn lokazzjoni, jew sorsi oħra ta' introjtu;

(b) informazzjoni dwar l-ammonti relatati mal-attivitajiet allinjati mat-Tassonomija li jwettqu l-impriżi mhux finanzjarji għall-konsum intern proprju;

(c) spjegazzjoni kwalitattiva tal-elementi ewlenin ta' bidla fil-KPI tal-fatturat matul il-perjodu ta' rappurtar.

L-impriżi mhux finanzjarji li ħarġu bonds jew titoli ta' dejn ambjentalment sostenibbli bil-għan li jiffinanzjaw attivitajiet speċifiċi identifikati allinjati mat-Tassonomija għandhom jiddivulgaw ukoll il-fatturat KPI aġġustat biex jiġi evitat l-għadd doppju.

1.2.3.2. Informazzjoni kuntestwali dwar il-KPI tal-CapEx

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jipprovdu diżaggregazzjoni kwantitattiva fil-livell aggregat tal-attività ekonomika tal-ammonti inklużi fin-numeratur u fl-ispjegazzjoni kwalitattiva tal-elementi ewlenin tal-bidla fil-KPI CapEx matul il-perjodu tar-rapportar. Tali diżaggregazzjoni għandha tiddivulga dan kollu li ġej:

(a) aggregazzjoni ta' żidiet fil-proprjetà, l-impjanti u t-tagħmir, fl-assi intanġibbli ġġenerati internament, inkluż f'kombinament ta' negozji jew akkwistati, fil-proprjetajiet ta' investiment akkwistati jew rikonoxxuti fl-ammont riportat u, fejn applikabbli, għall-assi kapitalizzati bid-dritt tal-użu;

(b) aggregazzjoni taż-żidiet relatati mal-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji;

(c) aggregazzjoni tal-ispejjeż imġarrba b'rabta mal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija u mal-ispejjeż imġarrba bħala parti minn pjan CapEx imsemmi fil-punt 1.1.2. ta' dan l-Anness.

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni ewlenija dwar kull wieħed mill-pjanijiet CapEx tagħhom imsemmija fil-punt 1.1.2. ta' dan l-Anness, inklużi dawn kollha li ġejjin:

(a) l-objettivi ambjentali segwiti;

(b) l-attivitajiet ekonomiċi kkonċernati;

(c) l-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni kkonċernati, fejn rilevanti;

(d) il-perjodu ta' żmien li matulu kull attività ekonomika allinjata mat-Tassonomija hija mistennija li tiġi estiża jew fejn kull attività ekonomika hija mistennija li ssir allinjata mat-Tassonomija, inkluż, meta l-perjodu li fih l-attività ekonomika hija mistennija li ssir allinjata mat-Tassonomija jaqbeż il-ħames snin, ġustifikazzjoni oġġettiva ta' tali perjodu itwal, ibbażata fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-attività ekonomika u t-titjib ikkonċernat;

(e) l-ispiża kapitali totali li mistennija tiġġarrab matul il-perjodu tar-rapportar u matul il-perjodu ta' żmien tal-pjanijiet CapEx.

Impriża mhux finanzjarja li ħarġet bonds jew titoli ta' dejn ambjentalment sostenibbli bl-għan li tiffinanzja attivitajiet speċifiċi identifikati allinjati mat-Tassonomija għandha tiddivulga wkoll il-KPI CapEx aġġustat għan-nefqa kapitali allinjata mat-Tassonomija ffinanzjata minn tali bonds jew titoli ta' dejn.

1.2.3.3. Informazzjoni kuntestwali dwar il-KPI tal-OpEx

L-impriżi mhux finanzjarji għandhom jipprovdu dan li ġej kollu:

(a) diżaggregazzjoni kwantitattiva tan-numeratur (in-nefqa operattiva ddeterminata skont il-punt 1.1.3.2 ta' dan l-Anness) biex jintwerew l-elementi ewlenin tal-bidla fl-OpEx KPI matul il-perjodu tar-rapportar;

(b) spjegazzjoni kwalitattiva tal-elementi ewlenin tal-bidla fl-OpEx KPI matul il-perjodu ta' rapportar;

(c) spjegazzjoni tal-infiq l-ieħor relatat mas-servizzjar minn jum għal jum ta' entrati ta' impjanti u tagħmir ta' proprjetà li huma inklużi fil-kalkolu tal-OpEx kemm għan-numeratur kif ukoll għad-denominatur.

Meta OpEx tkun parti minn pjan CapEx kif imsemmi fil-punti 1.1.2.2. u 1.1.3.2. ta' dan l-Anness, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni ewlenija dwar kull wieħed mill-pjanijiet CapEx tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-punt 1.2.3.2. ta' dan l-Anness.

2. **metodoloġija għar-rappurtar tal-KPIs li għandha tiġi ddivulgata minn impriżi mhux finanzjarji**

Ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw għad-divulgazzjonijiet skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/852:

(a) l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jidentifikaw kull attività ekonomika, inkluż subsett ta' attivitajiet ekonomiċi tranżizzjonali u abilitanti;

(b) l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw il-KPIs għal kull attività ekonomika u l-KPIs totali għall-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-livell tal-impriża jew tal-grupp rilevanti;

(c) l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jiddivulgaw il-KPIs stabbiliti fil-punti 1.1.1, 1.1.2. u 1.1.3. ta' dan l-Anness għal kull objettiv ambjentali u l-KPIs totali għall-objettivi ambjentali kollha fil-livell tal-impriża jew tal-grupp fl-objettivi ambjentali kollha filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju;

(d) l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jidentifikaw il-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija u l-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija li ma jissodisfawx il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar. Fi ħdan attività ekonomika eliġibbli għat-Tassonomija, l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jidentifikaw il-proporzjon ta' dik l-attività li hija allinjata mat-Tassonomija;

(e) l-impriżi mhux finanzjarji għandhom jidentifikaw l-attivitajiet ekonomiċi mhux eliġibbli tat-Tassonomija u jiddivulgaw il-proporzjon fid-denominatur tal-fatturat KPI ta' dawk l-attivitajiet ekonomiċi fil-livell tal-impriża jew tal-grupp;

(f) Il-KPIs għandhom jiġu pprovduti fil-livell tal-impriża individwali fejn dik l-impriża tħejji biss rapporti mhux finanzjarji individwali jew fil-livell tal-grupp fejn l-impriża tħejji rapporti mhux finanzjarji konsolidati

ANNESS II

Formoli għall-KPIs ta' impriżi mhux finanzjarji

Formola: Il-proporzjon tal-fatturat minn prodotti jew servizzi assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija - divulgazzjoni li tkopri s-sena N

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali						Kriterji DNSH ("La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi (1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**Fatturat assolut (3)**	**Proporzjon tal-fatturat (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġis (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġis (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon tal-fatturat allinjat mat-tassonomija, sena N (18)**	**Proporzjon tal-fatturat allinjat mat-tassonomija, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti jew) (20)**	**Kategorija "(attività tranżizzjonali)" (21)**
		Munita	%	%	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
A. ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI TAXONOMIBBLI			%																	
A.1. Attivitajiet ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)																				
Attività 1 [1]				%	%	%	%	%	%		Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	**Iva**	%		E	
Attività 2			%	%	%	%	%	%	%	Iva	Iva		Iva	Iva	Iva	Iva	%			

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali						Kriterji DNSH ("La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi (1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**Fatturat assolut (3)**	**Proporzjon tal-fatturat (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġis (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġis (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon tal-fatturat allinjat mat-tassonomija, sena N (18)**	**Proporzjon tal-fatturat allinjat mat-tassonomija, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti jew) (20)**	**Kategorija "(attività tranżizzjonali)" (21)**
		Munita	%	%	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
Fatturat ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija) (A.1)			**%**	%	%	%	%	%	%								**%**			
A.2 Attivitajiet eliġibbli għat-Tassonomija iżda mhux ambjentalment sostenibbli (attivitajiet mhux allinjati mat-Tassonomija)																				
Attività 1			%																	

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali						Kriterji DNSH ("La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi (1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**Fatturat assolut (3)**	**Proporzjon tal-fatturat (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġis (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġis (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon tal-fatturat allinjat mat-tassonomija, sena N (18)**	**Proporzjon tal-fatturat allinjat mat-tassonomija, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti jew) (20)**	**Kategorija "(attività tranżizzjonali)" (21)**
		Munita	%	%	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
Attività 3			%																	
Fatturat ta' attivitajiet eliġibbli għat-Tassonomija iżda mhux ambjentalment sostenibbli (mhux attivitajiet allinjati mat-Tassonomija) (A.2)			%																	
Total (A.1 + A.2)			%														%		%	
B. ATTIVITAJIET MHUX ELIĠIBBLI GĦAT-TASSONOMIJA																				
Fatturat tal-attivitajiet mhux eliġibbli għat-Tassonomija (B)			%																	
Total (A + B)			%																	

(1) L-attività 1 hija eliġibbli għat-Tassonomija fl-intier tagħha. Madankollu, proporzjon minnha biss huwa allinjat mat-tassonomija. Għalhekk, l-Attività 1 tista' tiġi rrapportata kemm taħt A1 kif ukoll taħt A2. Madankollu, il-proporzjon irrapportat taħt A1 biss jista' jingħadd bħala allinjat mat-tassonomija fil-KPI tal-fatturat tal-impriża mhux finanzjarja.

Il-kolonna 21 tenħtieġ li timtela għal attivitajiet ta' tranżizzjoni li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Għall-attivitajiet elenkati taħt A2, il-kolonni 5 sa 17 jistgħu jimtlew fuq bażi volontarja minn impriżi mhux finanzjarji

Formola: Il-proporzjon tal-CapEx minn prodotti jew minn servizzi assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija - divulgazzjoni li tkopri s-sena N

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali						Kriterji DNSH (Ma Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi(1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**CapEx assoluta (3)**	**Proporzjon tal-CapEx (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġiż (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġiż (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija tal-CapEx, sena N (18)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija tal-CapEx, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti) (20)**	**Kategorija (attività ta' tranżizzjonali (21)**
		Munita	%	U	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
A. ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI TAXONOMIBBLI																				
A.1. Attivitajiet ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)																				
Attività 1 [1]			%	%	%	%	%	%	%	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	**Iva**	%		E	
Attività 2			%	%	%	%	%	%	%	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	%			

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali						Kriterji DNSH (Ma Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi(1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**CapEx assoluta (3)**	**Proporzjon tal-CapEx (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġis (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġis (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija tal-CapEx, sena N (18)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija tal-CapEx, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti) (20)**	**Kategorija (attività ta' tranżizzjonali (21)**
		Munita	%	U	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
CapEx ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija) (A.1)			%	%	%	%	%	%	%								%			
A.2 Attivitajiet eliġibbli għat-Tassonomija iżda mhux ambjentalment sostenibbli (attivitajiet mhux allinjati mat-Tassonomija)																				
Attività 1			%																	
Attività 3			%																	

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali						Kriterji DNSH (Ma Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")									
Attivitajiet ekonomiċi(1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**CapEx assoluta (3)**	**Proporzjon tal-CapEx (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġis (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġis (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija tal-CapEx, sena N (18)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija tal-CapEx, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti) (20)**
		Munita	%	&	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E
CapEx ta' attivitajiet eliġibbli għat-Tassonomija iżda mhux ambjentalment sostenibbli (attivitajiet mhux allinjati mat-Tassonomija) (A.2)			**%**																
Total (A.1 + A.2)			**%**														**%**		**%**
B. ATTIVITAJIET MHUX ELIĠIBBLI GĦAT-TASSONOMIJA																			
Fatturat tal-attivitajiet mhux eliġibbli għat-Tassonomija (B)			**%**																
Total (A + B)			**%**																

(1) L-attività 1 hija eliġibbli għat-Tassonomija fl-intier tagħha. Madankollu, proporzjon minnha biss huwa allinjat mat-tassonomija. Għalhekk, l-Attività 1 tista' tiġi rrapportata kemm taħt A1 kif ukoll taħt A2. Madankollu, il-proporzjon irrapportat taħt A1 biss jista' jingħadd bħala allinjat mat-KPI CapEx tal-impriża mhux finanzjarja.

Għall-attivitajiet elenkati taħt A2, il-kolonni 5 sa 17 jistgħu jimtlew fuq bażi volontarja minn impriżi mhux finanzjarji

Formola: Il-proporzjon ta' OpEx minn prodotti jew servizzi assoċjati mal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija - divulgazzjoni li tkopri s-sena N

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali						Kriterji DNSH (Ma Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi (1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**OpEx assoluta (3)**	**Proporzjon ta' OpEx (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġis (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġis (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija ta' OpEx, sena N (18)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija ta' OpEx, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti) (20)**	**Kategorija (attività ta' tranżizzjonali (21)**
		Munita	%	%	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
A. ATTIVITAJIET ELIĠIBBLI TAXONOMIBBLI																				
A.1. Attivitajiet ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)																				
Attività 1 [1]			%	%	%	%	%	%	%	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	**Iva**	%		E	
Attività 2			%	%	%	%	%	%	%	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	%			

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali					Kriterji DNSH (Ma Taghmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi (1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**OpEx assoluta (3)**	**Proporzjon ta' OpEx (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġis (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġis (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija ta' OpEx, sena N (18)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija ta' OpEx, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti) (20)**	**Kategorija (attività ta' tranżizzjonali (21)**
		Munita	%	%	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
OpEx ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija) (A.1)			%	%	%	%	%	%	%								%			
A.2 Attivitajiet eliġibbli għat-Tassonomija iżda mhux ambjentalment sostenibbli (attivitajiet mhux allinjati mat-Tassonomija)																				
Attività 1			%																	
Attività 3			%																	

				Kriterji ta' kontribuzzjoni sostanzjali					Kriterji DNSH (Ma Tagħmilx Ħsara Sinifikanti")										
Attivitajiet ekonomiċi (1)	**Kodiċi(jiet) (2)**	**OpEx assoluta (3)**	**Proporzjon ta' OpEx (4)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (5)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (6)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (7)**	**Ekonomija ċirkolari (8)**	**Tniġġiż (9)**	**Bijodiversità u ekosistemi (10)**	**Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (11)**	**Adattament għat-tibdil fil-klima (12)**	**Riżorsi tal-ilma u tal-baħar (13)**	**Ekonomija ċirkolari (14)**	**Tniġġiż (15)**	**Bijodiversità u ekosistemi (16)**	**Salvagwardji minimi (17)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija ta' OpEx, sena N (18)**	**Proporzjon allinjat mat-tassonomija ta' OpEx, sena N-1 (19)**	**Kategorija (attività abilitanti) (20)**	**Kategorija (attività ta' tranżizzjonali (21)**
		Munita	%	%	%	%	%	%	%	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Iva/Le	Perċentwal	Perċentwal	E	T
OpEx ta' attivitajiet eliġibbli għat-Tassonomija iżda mhux ambjentalment sostenibbli (attivitajiet mhux allinjati mat-tassonomija) (A.2)			**%**																	
Total (A.1 + A.2)			**%**														**%**		**%**	
B. ATTIVITAJIET MHUX ELIĠIBBLI GĦAT-TASSONOMIJA																				
Fatturat tal-attivitajiet mhux eliġibbli għat-Tassonomija (B)			**%**																	
Total (A + B)			**%**																	

(1) L-attività 1 hija eliġibbli għat-Tassonomija fl-intier tagħha. Madankollu, proporzjon minnha biss huwa allinjat mat-tassonomija. Għalhekk, l-Attività 1 tista' tiġi rrapportata kemm taħt A1 kif ukoll taħt A2. Madankollu, il-proporzjon irrapportat taħt A1 biss jista' jitqies bħala allinjat mat-Tassonomija fil-KPI tal-CapEx tal-impriża mhux finanzjarja.

Għall-attivitajiet elenkati taħt A2, il-kolonni 5 sa 17 jistgħu jimtlew fuq bażi volontarja minn impriżi mhux finanzjarji

ANNESS III

KPI tal-maniġers tal-assi

1. IL-KONTENUT TAL-KPI GĦANDU JIĠI DIVULGAT MILL-MANIĠERS TAL-ASSI

Il-KPI għandu jiġi kkalkulat bħala n-numeratur diviż bid-denominatur kif speċifikat fil-punti 1.1. u 1.2. ta' dan l-Anness.

1.1. *Numeratur*

In-numeratur għandu jikkonsisti f'medja ponderata tal-valur tal-investimenti f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija tad-destinatarji ta' investiment. Il-medja ponderata tal-valur tal-investimenti għandha tkun ibbażata fuq il-proporzjon tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija tal-kumpaniji li fihom isir investiment imkejjel b'dan li ġej:

(a) għal destinatarji ta' investiment li huma impriżi mhux finanzjarji, il-KPIs tal-fatturat u tal-CapEx kif jirriżulta mill-kalkolu tal-KPIs tad-destinatarja ta' investiment f'konformità mal-Annessi I u II;

(b) għal destinatarji ta' investiment li huma maniġers tal-assi, il-KPIs ibbażati fuq fatturat u dawk ibbażati fuq il-CapEx kif jirriżulta mill-kalkolu tal-KPIs tad-destinatarju ta' investiment f'konformità mal-Annessi III u IV;

(c) għal destinatarji ta' investiment li huma istituzzjonijiet ta' kreditu, il-proporzjon tal-assi ekoloġiċi bbażat fuq il-fatturat u dak ibbażat fuq il-CapEx kif jirriżulta mill-kalkolu tal-proporzjon tal-assi ekoloġiċi tad-destinatarja ta' investiment f'konformità mal-Annessi V u VI;

(d) għal destinatarji ta' investiment li huma ditti ta' investiment, investimenti u dħul, kif jirriżultaw mill-kalkolu tal-KPIs ibbażati fuq il-fatturat u l-KPIs ibbażati fuq il-CapEx tad-destinatarja ta' investiment skont l-Annessi VII u VIII skont il-proporzjon ta' servizzi u attivitajiet ta' negozjar f'isimhom stess u li negozjar mhux f'isimhom stess fl-introjtu tad-ditta tal-investiment;

(e) għal destinatarji ta' investiment li huma impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, investimenti, primjums grossi sottoskritti jew, kif applikabbli, introjtu totali mill-assigurazzjoni, kif jirriżulta mill-kalkolu jew tal-KPI ta' investiment ibbażat fuq il-fatturat u fuq CapEx, ikkombinati, fejn applikabbli mal-KPI tas-sottoskrizzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni mhux tal-ħajja li fihom isir investiment f'konformità ma' dan l-Anness IX u X.

Il-kalkolu għandu jippermetti n-netting għall-finijiet tar-rapportar tal-proporzjon tal-investimenti f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija billi tiġi applikata l-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-pożizzjonijiet bin-nieqes netti stabbiliti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill ([1]).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt 1.1, it-titoli ta' dejn bil-għan li jiffinanzjaw attivitajiet jew proġetti speċifiċi identifikati jew bonds ambjentalment sostenibbli maħruġa minn impriża destinatarja ta' investiment għandhom jiġu inklużi fin-numeratur sal-valur tal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija li jiġu ffinanzjati mir-rikavat ta' dawk il-bonds u t-titoli ta' dejn, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-impriża destinatarja ta' investiment.

1.2. *Denominatur*

Id-denominatur għandu jikkonsisti mill-valur tal-Assi kollha taħt Ġestjoni (AuM) mingħajr l-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament li jirriżultaw minn attivitajiet ta' ġestjoni tal-portafoll kemm kollettivi kif ukoll individwali tal-maniġers tal-assi.

Il-maniġers tal-assi għandhom jiddivulgaw KPI bbażat fuq il-KPIs tal-fatturat tad-destinatarji ta' investiment u KPI bbażat fuq il-KPI tal-CapEx tad-destinatarji ta' investiment.

2. Metodoloġija għat-tħejjija u r-rappurtar tal-KPI li għandha tiġi ddivulgata mill-maniġers tal-assi

Għall-finijiet ta' divulgazzjonijiet skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2020/852, il-maniġers tal-assi għandhom:

(a) jiddivulgaw il-KPIs għal kull objettiv ambjentali u għal attivitajiet ekonomiċi aggregati allinjati mat-tassonomija fil-livell tal-impriża jew il-grupp rilevanti;

(b) jidentifikaw subsett ta' attivitajiet ekonomiċi ta' tranżizzjoni u abilitanti u jiddivulgaw il-KPIs għal attivitajiet ekonomiċi aggregati fil-livell tal-impriża jew tal-grupp;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

(c) jipprovdu diżaggregazzjoni tan-numeratur u tad-denominatur għal kull tip ta' investiment;

(d) jiddivulgaw il-KPIs fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi aggregati eliġibbli għat-tassonomija;

(e) jiddivulgaw il-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi mhux eliġibbli tassonomiċi fl-assi mmaniġġjati;

(f) jiddivulgaw il-proporzjon tal-investimenti totali ta' investimenti fl-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament;

(g) jipprovdu l-KPIs fil-livell tal-maniġer tal-assi individwali meta dik l-impriża tħejji biss rapporti mhux finanzjarji individwali jew fil-livell tal-grupp meta l-impriża tħejji rapporti mhux finanzjarji konsolidati.

ANNESS IV

Formola għall-KPI tal-maniġers tal-assi

Il-formola standard għad-divulgazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 (maniġers tal-assi)

Il-valur medju ponderat tal-investimenti kollha li huma diretti lejn il-finanzjament, jew li huma assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija **relattiv mal-valur tal-assi totali koperti mill-KPI**, bil-ponderazzjonijiet li ġejjin għall-investimenti f'impriżi skont dan li ġej: Abbażi tal-fatturat: % Ibbażata fuq il-CapEx: %	Il-valur medju ponderat tal-investimenti kollha li huma diretti lejn il-finanzjament, jew huma assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija, bil-ponderazzjonijiet li ġejjin għal investimenti f'impriżi skont dan li ġej: Abbażi tal-fatturat: [ammont monetarju] Abbażi tal-CapEx: [ammont monetarju]
Il-perċentwal ta' assi koperti mill-KPI relattiv mal-investimenti totali (AuM totali). Eskluż investimenti f'entitajiet sovrani, Proporzjon ta' kopertura: %	Il-valur monetarju tal-assi koperti mill-KPI. Eskluż investimenti f'entitajiet sovrani. Kopertura: [ammont monetarju]
Divulgazzjonijiet addizzjonali u komplementari: id-diżaggregazzjoni tad-**denominatur** tal-KPI	
Il-perċentwal ta' derivattivi meta mqabbla mal-assi totali koperti mill-KPI. X%	Il-valur f'ammonti monetarji ta' derivattivi:. [ammont monetarju]
Il-proporzjon ta' **skoperturi għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji tal-UE** mhux **soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE** relattiv mal-assi totali koperti mill-KPI: Għal impriżi mhux finanzjarji: Għall-impriżi finanzjarji:	Valur tal-**iskoperturi għal impriżi finanzjarji u** mhux **finanzjarji tal-UE mhux soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE**: Għal impriżi mhux finanzjarji: [ammont monetarju] Għall-impriżi finanzjarji: [ammont monetarju]
Il-proporzjon ta' **skoperturi għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji** minn pajjiżi mhux tal-UE mhux **soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE** fuq l-assi totali koperti mill-KPI: Għal impriżi mhux finanzjarji: Għall-impriżi finanzjarji:	Valur tal-**iskoperturi għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji** minn pajjiżi mhux tal-UE li mhumiex **soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE**: Għal impriżi mhux finanzjarji: [ammont monetarju] Għall-impriżi finanzjarji: [ammont monetarju]
Il-proporzjon **ta' skoperturi għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE** relattiv mal-assi totali koperti mill-KPI: Għal impriżi mhux finanzjarji: Għall-impriżi finanzjarji:	Valur tal-**iskoperturi għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE**: Għal impriżi mhux finanzjarji: [ammont monetarju] Għall-impriżi finanzjarji: [ammont monetarju]
Il-proporzjon **ta' skoperturi għal kontropartijiet oħrajn fuq** l-assi totali koperti mill-KPI: X%	Valur tal-**iskoperturi għal kontropartijiet oħra**: [ammont monetarju]
Il-valur tal-investimenti kollha li huma attivitajiet **ekonomiċi ta' finanzjament li mhumiex eliġibbli għat-tassonomija** relattiv mal-valur tal-assi totali koperti mill-KPI: X%	Il-valur tal-**investimenti kollha li qed jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi li mhumiex eliġibbli għat-tassonomij**a: [ammont monetarju]

Il-valur tal-investimenti kollha li **huma attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija, iżda mhux allinjati mat-tassonomija relattiv** mal-valur tal-assi totali koperti mill-KPI: X%	Il-valur tal-investimenti kollha li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija, iżda **mhux allinjati mat-tassonomija**: [ammont monetarju]
Divulgazzjonijiet addizzjonali u komplementari: id-diżaggregazzjoni **tan-numeratur** tal-KPI	
Il-proporzjon ta' **skoperturi allinjati mat-Tassonomija għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE** fuq l-assi totali koperti mill-KPI: Għall-impriżi mhux finanzjarji: Abbaži tal-fatturat: % Abbażu tal-infiq tal-kapital: % Għall-impriżi finanzjarji: Abbaži tal-fatturat: % Abbażu tal-infiq tal-kapital: %	Valur tal-**iskoperturi allinjati mat-Tassonomija għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji soġġetti għall-Artikoli 19a u 29a tad-Direttiva 2013/34/UE**: Għal impriżi mhux finanzjarji: Abbaži tal-fatturat: [ammont monetarju] Abbażu tal-infiq tal-kapital: [ammont monetarju] Għall-impriżi finanzjarji: Abbaži tal-fatturat: [ammont monetarju] Abbażu tal-infiq tal-kapital: [ammont monetarju]
Il-proporzjon ta' **skoperturi allinjati mat-tassonomija għal kontropartijiet oħra f'relattiv** mal-assi totali koperti mill-KPI: Abbaži tal-fatturat: % Abbażu tal-infiq tal-kapital: %	Valur tal-**iskoperturi allinjati mat-tassonomija għal kontropartijiet oħra**: Abbaži tal-fatturat: [ammont monetarju] Abbażu tal-infiq tal-kapital: [ammont monetarju]

Diżaggregazzjoni tan-numeratur tal-KPI għal kull objettiv ambjentali		
Attivitajiet allinjati mat-tassonomija —:		
(1) Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima	Fatturat: % CapEx:%	Attivitajiet ta' tranżizzjoni: A % (Fatturat; CapEx) Attivitajiet abilitanti: B % (Fatturat; CapEx)
(2) Adattament għat-tibdil fil-klima	Fatturat: % CapEx:%	Attivitajiet ta' tranżizzjoni: A % (Fatturat; CapEx) Attivitajiet abilitanti: B % (Fatturat; CapEx)
(3) L-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar	Fatturat: % CapEx:%	Attivitajiet ta' tranżizzjoni: A % (Fatturat; CapEx) Attivitajiet abilitanti: B % (Fatturat; CapEx)
(4) It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari	Fatturat: % CapEx:%	Attivitajiet ta' tranżizzjoni: A % (Fatturat; CapEx) Attivitajiet abilitanti: B % (Fatturat; CapEx)
(5) Prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis	Fatturat: % CapEx:%	Attivitajiet ta' tranżizzjoni: A % (Fatturat; CapEx) Attivitajiet abilitanti: B % (Fatturat; CapEx)
(6) Il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi	Fatturat: % CapEx:%	Attivitajiet ta' tranżizzjoni: A % (Fatturat; CapEx) Attivitajiet abilitanti: B % (Fatturat; CapEx)

ANNESS V

KPIs TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU

1. Il-kontenut tal-KPIs li għandu jiġi ddivulgat mill-istituzzjonijiet ta' kreditu

1.1. *Kamp ta' applikazzjoni tal-KPIs*

1.1.1. Konsolidazzjoni

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw il-KPIs rilevanti abbażi tal-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali tagħhom iddeterminati skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.

1.1.2. Assi koperti totali

Il-kalkolu tal-proporzjon tal-assi ekoloġiċi (GAR) għall-iskoperturi fil-karta bilanċjali għandu jkopri l-kategoriji kontabilistiċi li ġejjin tal-assi finanzjarji, inkluż is-self u l-avvanzi, it-titoli ta' dejn, il-parteċipazzjonijiet fl-ekwità u l-kollaterali meħuda lura:

(a) assi finanzjarji b'kost amortizzat;

(b) assi finanzjarji bil-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor;

(c) investimenti f'sussidjarji;

(d) impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati;

(e) assi finanzjarji speċifikati bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf u assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf;

(f) kollaterali ta' proprjetà immobbli miksuba minn istituzzjonijiet ta' kreditu billi jittieħed pussess bi skambju għall-kanċellazzjoni ta' djun.

L-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu esklużi mill-kopertura tal-GAR.

L-assi li ġejjin għandhom jiġu esklużi min-numeratur tal-GAR:

(a) assi finanzjarji miżmuma għan-negozju;

(b) self interbankarju fuq talba;

(c) skoperturi għal impriżi li mhumiex obbligati jippubblikaw informazzjoni mhux finanzjarja skont l-Artikolu 19a jew 29a tad-Direttiva 2013/34/UE.

Il-kalkolu tal-KPIs għall-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali għandu jqis il-garanziji finanzjarji mogħtija mill-istituzzjoni ta' kreditu u l-assi mmaniġġati għall-impriżi mhux finanzjarji ta' garanzija u ta' investiment. Skoperturi oħrajn li ma jidhrux fil-karta bilanċjali bħal impenji għandhom jiġu esklużi minn dak il-kalkolu.

1.2. *Kontenut tal-KPIs u l-metodoloġija*

1.2.1. Proporzjon tal-assi ekoloġiċi (GAR)

Il-GAR għandu juri l-proporzjon ta' finanzjament tal-assi tal-istituzzjoni ta' kreditu u investit f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija bħala proporzjon tal-assi koperti totali skont il-punt 1.1.2 ta' dan l-Anness.

Il-GAR għandu jkun ibbażat fuq l-iskoperturi u l-karta bilanċjali skont l-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 2 għat-tipi ta' assi u portafolli tal-kontabilità speċifikati fil-punt 1.1.2 ta' dan l-Anness, inkluż informazzjoni dwar l-istokk u l-flussi, dwar attivitajiet tranżizzjonali u abilitanti, u fuq self speċjalizzat u self bi skop ġenerali.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw dan kollu li ġej:

(a) il-GAR aggregat għall-assi koperti fil-karta bilanċjali;

(b) id-diżaggregazzjoni skont l-objettiv ambjentali u skont it-tip ta' kontroparti.

Id-definizzjoni tal-KPIs għandha tkun ibbażata fuq il-komponenti li ġejjin:

(a) in-numeratur, li għandu jkopri s-self u l-avvanzi, it-titoli ta' dejn, l-ekwitajiet u l-kollaterali meħuda lura, il-finanzjament ta' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija bbażati fuq il-KPI tal-fatturat u l-KPI tal-CapEx tal-assi sottostanti;

(b) id-denominatur, li għandu jkopri s-self u l-avvanzi totali, it-titoli ta' dejn totali, l-ekwitajiet totali u l-kollaterali totali riposseduti u l-assi l-oħra kollha koperti fil-karta bilanċjali.

Minbarra l-GAR, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw il-perċentwal tal-assi totali tagħhom li huma esklużi min-numeratur tal-GAR skont l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament u l-punt 1.1.2 ta' dan l-Anness.

1.2.1.1. Il-GAR li japplika għall-iskoperturi għal impriżi mhux finanzjarji

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw il-GAR għall-istokk ta' self, titoli ta' dejn u parteċipazzjonijiet fl-ekwità u l-fluss għal self ġdid. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom isegwu l-passi li ġejjin biex jikkalkulaw il-GAR għal kull objettiv ambjentali.

Objettivi ambjentali	L-ewwel pass	It-tieni pass	Proporzjon tal-assi ekoloġiċi (GAR)
Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima	Il-proporzjon ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima meta mqabbel mas-self totali/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità ta' impriżi mhux finanzjarji u l-assi kollha l-oħra koperti fil-karta bilanċjali	Il-proporzjon ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, meta mqabbla ma' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi f'setturi koperti mit-tassonomija għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.	**Il-proporzjon ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, meta mqabbel mat-total ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità ta' impriżi mhux finanzjarji u l-assi l-oħra kollha tal-karta bilanċjali**
		Li minnu: attivitajiet abilitanti Li minnu: attivitajiet abilitanti Li minnu attivitajiet ta' tranżizzjoni Li minnu attivitajiet ta' tranżizzjoni	
Stokk u fluss			
Adattament għat-tibdil fil-klima	Il-proporzjon ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw l-attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija għall-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima meta mqabbel mas-self totali/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità ta' impriżi mhux finanzjarji u l-assi l-oħra kollha koperti fil-karta bilanċjali	Il-proporzjon ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija għall-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima meta mqabbla ma' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi fis-setturi koperta mit-tassonomija għall-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima	Il-proporzjon ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija għall-objettiv tal-adattament għat-tibdil fil-klima meta mqabbel mat-total ta' self u avvanzi/titoli ta' dejn/strumenti ta' ekwità ta' impriżi mhux finanzjarji u l-assi l-oħra kollha koperti fil-karta bilanċjali
		Li minnu: attivitajiet abilitanti Li minnu attivitajiet abilitanti Li minnu attivitajiet ta' adattament Li minnu attivitajiet ta' tranżizzjoni	

Stokk u fluss	
Attivitajiet ambjentali oħrajn	Jenħtieġ li jiġu ddivulgati l-istess proporzjonijiet għal kull wieħed mill-erba' objettivi ambjentali l-oħrajn, ladarba jiġu ddefiniti l-kriterji tal-iskrinjar. Jiġifieri: l-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar; it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; il-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis; il-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi.

(i) Il-GAR għal attivitajiet ta' self lil parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' impriżi mhux finanzjarji għal self u avvanzi (GAR L & A)

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw u jiddivulgaw l-entrati li ġejjin għall-kalkolu tal-GAR għal dan it-tip ta' skoperturi:

(1)(a) total ta' self u avvanzi lil impriżi mhux finanzjarji, inkluż self u avvanzi rikonoxxuti skont il-kategoriji kontabilistiċi msemmija fil-punt 1.2 ta' dan l-Anness, jiġifieri l-ammont riportat gross ta':

(i) self u avvanzi b'kost amortizzat, u b'valur ġust permezz ta' introjtu ieħor komprensiv;

(ii) self u avvanzi mhux miżmuma għan-negozjar fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' profitt jew telf.

(1)(b) self u avvanzi lil impriżi mhux finanzjarji li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija għal kull objettiv ambjentali, inkluż l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi fil-kategoriji kontabilistiċi rilevanti lejn kumpaniji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija (fejn disponibbli, il-kodiċijiet tan-Nomenklatura tal-Attivitajiet Ekonomiċi (NACE) tal-livell tal-4) rilevanti għal kull objettiv ambjentali.

(1)(c) self u avvanzi lil impriżi mhux finanzjarji li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija għal kull objettiv ambjentali, inkluż is-self u l-avvanzi kollha li jiffinanzjaw l-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija, inklużi subsettijiet ta' attivitajiet ekonomiċi tranżizzjonali u abilitanti.

L-ammont għall-fini ta' (1)(c) għandu jiġi kkalkolat billi tintuża l-formula li ġejja 1(c) = (1)(c)(1) + (1)(c)(2) fejn:

(1)(c)(1) tirrappreżenta self u avvanzi fejn l-użu tar-rikavati jkun magħruf, inkluż self speċjalizzat — self għall-finanzjament ta' proġetti kif imsemmi fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([1]);

(1)(c)(2) tirrappreżenta self u avvanzi fejn l-użu tar-rikavati ma jkunx magħruf (self ġenerali).

Għall-finijiet tal-punt (1)(c)(1), l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw l-ammont riportat gross tal-iskoperturi għall-finanzjament tal-proġett għall-impriża mhux finanzjarja sal-punt u l-proporzjon li l-proġett iffinanzjat jiffinanzja attività ekonomika allinjata mat-tassonomija. Il-valutazzjoni ta' jekk kienx hemm konformità ma' dak ir-rekwiżit għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-kontroparti dwar il-proġett jew l-attivitajiet li għalihom se jiġi applikat ir-rikavat. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu informazzjoni dwar it-tip ta' attività ekonomika li hija ffinanzjata. Ma għandux ikun permess għadd doppju. Meta l-istess skopertura speċjalizzata ta' self tkun rilevanti għal żewġ objettivi ambjentali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jallokawha għall-aktar objettiv rilevanti.

Għall-finijiet tal-punt (1)(c)(2), l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jibbażaw fuq il-KPI tal-CapEx u tal-fatturat li l-kontroparti għandha tiddivulga għal kull objettiv ambjentali skont dan ir-Regolament. L-ammont ta' self u avvanzi lil impriżi mhux finanzjarji għandu jkun is-somma tal-ammont riportat gross tas-self u l-avvanzi totali b'użu mhux magħruf tar-rikavati lil impriżi mhux finanzjarji ponderat bil-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija b'diżaggregazzjoni għall-attivitajiet ta' tranżizzjoni u ta' abilitazzjoni għal kull kontroparti.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkalkulaw il-KPIs għal dawk it-tipi ta' skoperturi kif ġej:

L-ewwel pass = (1)(b)/(1)(a).

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

It-tieni pass = (1)(c)/(1)(b). L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw separatament il-parti tal-KPI li tirreferi għal attivitajiet abilitanti, fejn rilevanti.

GAR L u A (għal kull objettiv ambjentali) = (1)(c)/(1)(a). L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw il-GAR ibbażat fuq il-KPI tal-fatturat u separatament il-parti tal-KPI li tirreferi għal attivitajiet abilitanti u ta' tranżizzjoni, fejn rilevanti.

L-aspetti li ġejjin tal-KPIs għandhom jiġu ddivulgati:

(a) f'termini ta' stokk, abbażi tal-ammont riportat gross totali ta' self u avvanzi mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni;

(b) f'termini ta' fluss, abbażi tal-ammont riportat gross ta' self u avvanzi ġodda matul is-sena qabel id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni;

(c) b'diżaggregazzjoni separata għal attivitajiet abilitanti u għal attivitajiet ta' tranżizzjoni u adattament, u għal self speċjalizzat.

(ii) il-GAR għat-titoli ta' dejn lil impriżi mhux finanzjarji ("GAR DS")

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkalkulaw u jiddivulgaw l-entrati li ġejjin għall-kalkolu tal-GAR għal dan it-tip ta' skoperturi:

(2)(a) Titoli ta' dejn totali ta' impriżi mhux finanzjarji, inkluż l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn b'kost amortizzat u bil-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor, u titoli ta' dejn mhux miżmuma għan-negozju bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf;

(2)(b) Titoli ta' dejn ta' impriżi mhux finanzjarji li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-Tassonomija għal kull objettiv ambjentali, inkluż l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn fil-kategoriji kontabilistiċi rilevanti lejn kumpaniji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija (fejn disponibbli kodiċijiet NACE b'erba' livelli)

(2)(c) Titoli ta' dejn lil entitajiet rilevanti li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija, inklużi l-attivitajiet ekonomiċi kollha ta' finanzjament tat-titoli tad-dejn allinjati mat-tassonomija, inklużi attivitajiet tranżizzjonali u abilitanti.

L-ammont għall-finijiet ta' (2)(c) għandu jiġi kkalkulat billi tintuża l-formula li ġejja:

2(c) = (2)(c)(1) + (2)(c)(2) where:

(2)(c)(1) tirrappreżenta titoli ta' dejn fejn l-użu tar-rikavat ikun magħruf;

(2)(c)(2) tirrappreżenta titoli ta' dejn fejn l-użu tar-rikavati ma jkunx magħruf.

Għall-finijiet tal-punt 2(c)(1), l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw dan li ġej:

(2)(c)(1)(a) L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw l-ammont riportat gross totali ta' skoperturi għal bonds ambjentalment sostenibbli maħruġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-ħruġ attwali ta' bonds kwalifikati bħala bonds ekoloġiċi minn emittenti li l-użu tar-rikavat tagħhom irid jiġi investit f'attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija għandu jiġi vvalutat skont il-livell ta' allinjament tat-tassonomija tal-attivitajiet ekonomiċi skont ir-Regolament (UE) 2020/852 jew tal-proġetti ffinanzjati, abbażi ta' informazzjoni speċifika pprovduta mill-emittent għal ħruġ. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu trasparenza dwar it-tip ta' attività ekonomika li tkun qed tiġi ffinanzjata. L-għadd doppju mhuwiex permess. Fejn l-istess bond ekoloġiku jista' jkun rilevanti għal żewġ objettivi ambjentali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jallokawh għall-objettiv l-aktar rilevanti.

(2)(c)(1)(b) L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn investiti fl-iskoperturi għall-finanzjament ta' proġetti, sal-punt li l-attivitajiet tal-proġett iffinanzjati jkunu attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni speċifika pprovduta mill-emittent għal dak il-ħruġ. L-għadd doppju mhuwiex permess. Fejn l-istess skopertura ta' self speċjalizzat tista' tkun rilevanti għal żewġ objettivi ambjentali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jallokawha għall-objettiv l-aktar rilevanti. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu trasparenza dwar it-tip ta' attività ekonomika li hija ffinanzjata.

Għall-finijiet tal-punt (2)(c)(2), l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom joqogħdu fuq il-KPI tal-fatturat u l-KPI tal-CapEx li l-kontroparti għandha tiddivulga skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. L-ammont ta' titoli ta' dejn lil impriżi mhux finanzjarji għandu jkun is-somma tal-ammont riportat gross tat-titoli ta' dejn totali b'użu mhux magħruf ta' rikavati ponderati bil-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija b'diżaggregazzjoni għal attivitajiet ta' tranżizzjoni u ta' abilitazzjoni għal kull kontroparti.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkalkulaw il-KPIs proposti skont il-formula li ġejja għal dan it-tip ta' skoperturi:

L-ewwel pass = (2)(b)/(2)(a).

It-tieni pass = (2)(c)/(2)(b); l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw separatament il-parti tal-KPI li tirreferi għal attivitajiet abilitanti u ta' tranżizzjoni, fejn ikun rilevanti.

GAR DS = (2)(c)/(2)(a) abbażi tal-KPI tal-fatturat; (2)(c)/(2)(a) abbażi tal-KPI tal-CapEX.

Għandhom jiġu ddivulgati l-aspetti li ġejjin tal-KPIs:

(a) f'termini ta' stokk, abbażi tal-ammont riportat gross totali tat-titoli ta' dejn mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni;

(b) f'termini ta' fluss, abbażi tal-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn ġodda matul is-sena ta' qabel id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni;

(c) b'diżaggregazzjoni separata għal attivitajiet abilitanti u ta' tranżizzjoni, u għal self speċjalizzat.

(iii) Il-proporzjon tal-assi ekoloġiċi għal parteċipazzjonijiet azzjonarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu f'impriżi mhux finanzjarji ("GAR EH")

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkalkolaw u jiddivulgaw:

(a) il-proporzjon ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji f'impriżi mhux finanzjarji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija meta mqabbel mal-parteċipazzjonijiet azzjonarji totali f'impriżi mhux finanzjarji.

In-numeratur għandu jkopri l-ammont riportat gross tal-parteċipazzjonijiet ta' ekwità mhux miżmuma għan-negozju li jinkludu assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor u assi finanzjarji mhux miżmuma għan-negozju b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf u investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati, ta' impriżi mhux finanzjarji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija.

Id-denominatur għandu jkopri l-ammont riportat gross totali tal-parteċipazzjonijiet fl-ekwità mhux miżmuma għan-negozjar li jinkludu assi finanzjarji abbażi tal-valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor u assi finanzjarji mhux miżmuma għan-negozjar abbażi tal-valur ġust permezz ta' profitt jew telf u investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati, ta' impriżi mhux finanzjarji.

(b) il-proporzjon ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji f'impriżi mhux finanzjarji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija meta mqabbla ma' parteċipazzjonijiet azzjonarji f'dawk l-impriżi mhux finanzjarji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija.

In-numeratur huwa daqs l-ammont riportat gross tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji mhux miżmuma għan-negozju abbażi tal-KPI tal-fatturat u tal-KPI tal-CapEx relatat ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija tal-impriża mhux finanzjarja li għaliha jappartjenu l-istrumenti azzjonarji.

Id-denominatur għandu jinkludi l-ammont riportat gross tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji mhux miżmuma għan-negozju abbażi tal-KPI tal-fatturat tal-impriżi mhux finanzjarji li jwettqu attivitajiet ekonomiċi eliġibbli għat-tassonomija.

(c) **GAR EH** = il-proporzjon ta' parteċipazzjonijiet ta' ekwità f'impriżi mhux finanzjarji li jiffinanzja attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija meta mqabbel mal-parteċipazzjonijiet azzjonarji totali f'impriżi mhux finanzjarji.

In-numeratur għandu jkun daqs l-ammont riportat gross tal-parteċipazzjonijiet ta' ekwità mhux miżmuma għan-negozjar ponderat bil-KPI tal-fatturat u tal-CapEx relatati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija kif iddivulgat mill-impriża mhux finanzjarja li għaliha jappartjenu l-istrumenti azzjonarji.

Id-denominatur għandu jinkludi l-ammont riportat gross totali tal-parteċipazzjonijiet fl-ekwità mhux miżmuma għan-negozjar ta' impriżi mhux finanzjarji.

L-aspetti li ġejjin tal-proporzjonijiet għandhom jiġu ddivulgati:

(a) f'termini ta' stokk, abbażi tal-ammont riportat gross totali ta' parteċipazzjonijiet fl-ekwità mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni;

(b) f'termini ta' fluss, abbażi tal-ammont riportat gross ta' parteċipazzjonijiet fl-ekwità matul is-sena ta' qabel id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni;

(c) b'diżaggregazzjoni separata għal attivitajiet abilitanti u ta' tranżizzjoni.

(iv) il-GAR dwar il-finanzjament totali f'impriżi mhux finanzjarji (self flimkien ma' parteċipazzjonijiet ta' ekwità)

It-tliet proporzjonijiet għal kull objettiv ambjentali għandhom jiġu divulgati abbażi tal-KPI tal-fatturat u, għal titoli ta' dejn u investimenti ta' ekwità, abbażi tal-KPI tal-fatturat u tal-KPI tal-CapEx tal-assi sottostanti f'livell aggregat għall-istrumenti kollha ta' finanzjament fil-karta bilanċjali, inkluż l-investimenti f'ekwità, f'impriżi mhux finanzjarji.

In-numeratur u d-denominatur tal-proporzjonijiet għandu jkun fihom l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi, titoli ta' dejn u parteċipazzjonijiet fl-ekwità rilevanti f'kull każ.

1.2.1.2. Il-proporzjon tal-assi ekoloġiċi għall-attivitajiet ta' self lil impriżi finanzjarji u l-parteċipazzjonijiet ta' ekwità tagħhom

Il-GAR għal attivitajiet ta' self mal-investimenti f'ekwità ta' impriżi finanzjarji għandu jiġi kkalkulat bħala proporzjon ta' self u avvanzi, titoli ta' dejn u investimenti f'ekwità ta' portafolli tal-kontabilità rilevanti li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija għal kull objettiv ambjentali, meta mqabbla mat-total ta' self u avvanzi, titoli ta' dejn u investimenti ta' ekwità ta' impriżi finanzjarji.

Dan il-GAR għandu jkun fih divulgazzjonijiet dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, b'diżaggregazzjoni għall-attivitajiet abilitanti. Għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-GAR għandu jkun fih ukoll divulgazzjonijiet tal-attivitajiet tranżizzjonali u tal-attivitajiet ta' adattament. Għal dawk l-attivitajiet li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament għalih u għal objettivi ambjentali oħra, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu wkoll divulgazzjonijiet tal-istokk u tal-fluss.

In-numeratur tal-GAR għall-impriżi finanzjarji għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-KPIs tal-kontropartijiet ikkalkulati skont dan ir-Regolament. L-ammont ta' self u avvanzi, titoli ta' dejn u investimenti f'ekwità tal-portafolli kontabilistiċi rilevanti lill-impriżi finanzjarji li għandu jiġi kkunsidrat fin-numeratur tal-proporzjon għandu jkun is-somma tal-ammont riportat gross tagħhom, ponderat bil-proporzjon ta' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija b'diżaggregazzjoni għal attivitajiet ta' tranżizzjoni, adattament u abilitazzjoni għal kull kontroparti.

Meta l-kontroparti tkun istituzzjoni ta' kreditu oħra, il-KPIs ibbażati fuq il-fatturat u bbażati fuq il-CapEx użati għandhom ikunu l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn, self u avvanzi u parteċipazzjonijiet fl-ekwità ta' portafolli kontabilistiċi rilevanti ponderati bil-"GAR totali tal-kontroparti kif definit fit-taqsima", jiġifieri l-ammont riportat gross immultiplikat bil-"GAR totali" tal-kontroparti.

Meta l-kontroparti tkun ditta tal-investiment, il-kalkolu li ġej tal-KPI għandu japplika abbażi tal-proporzjon tas-servizzi fid-dħul tad-ditta tal-investiment:

(a) għal ditti tal-investiment li jinnegozjaw f'isimhom stess skont it-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn, self u avvanzi u parteċipazzjonijiet ta' ekwità għandu jiġi ponderat bil-fatturat ibbażat fuq il-valur u l-GAR ibbażat fuq il-CapEx divulgat mid-ditti tal-investiment, jiġifieri l-ammont riportat gross jiġi mmultiplikat bil-"valur tal-assi investiti (titoli ta' dejn, strumenti azzjonarji, ekwivalenti ta' flus u derivattivi) f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija bħala proporzjon tal-valur tal-assi totali investiti".

(b) għal ditti tal-investiment għajr li jinnegozjaw f'isimhom stess skont it-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE, l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn, self u avvanzi u parteċipazzjonijiet azzjonarji għandu jiġi ponderat bil-fatturat ibbażat fuq il-valur miżjud u l-KPI bbażat fuq CapEx fuq id-dħul, jiġifieri tariffi, kummissjonijiet u benefiċċji monetarji oħra, divulgati mid-ditti tal-investiment, jiġifieri l-ammont riportat gross, jiġi mmultiplikat bit-"tariffi, kummissjonijiet u benefiċċji monetarji oħra minn servizzi u attivitajiet f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija bħala proporzjon tat-tariffi totali, id-dħul minn kummissjonijiet u benefiċċji monetarji oħra minn servizzi u attivitajiet f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija bħala proporzjon tat-tariffi, id-dħul minn kummissjonijiet u benefiċċji monetarji oħra totali".

Meta l-kontroparti tkun maniġer tal-assi, il-KPIs ibbażati fuq il-fatturat u fuq il-CapEx għandhom ikunu l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn, self u avvanzi u parteċipazzjonijiet azzjonarji ponderati bil-proporzjon tal-investimenti tal-kontroparti li huma f'attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija, kif speċifikat fl-Anness III u IV ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ammont riportat gross jiġi mmultiplikat bil-proporzjon tal-maniġer tal-assi tal-investimenti totali.

([2]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Fil-każ ta' destinatarji ta' investiment li huma impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-parametru referenzjarju għandu jkun investimenti, primjums grossi sottoskritti jew, kif applikabbli, dħul totali mill-assigurazzjoni, kif jirriżulta mill-kalkolu jew tal-KPI ta' investiment ibbażat fuq il-fatturat u bbażat fuq il-CapEx jew tal-KPI tas-sottoskrizzjoni tad-destinatarja ta' investiment f'konformità mal-Annessi XI u X ta' dan ir-Regolament.

Id-denominatur għandu jkun l-ammont riportat gross totali ta' self u avvanzi, titoli ta' dejn u investimenti f'ekwità ta' portafolli kontabilistiċi rilevanti f'impriżi finanzjarji.

1.2.1.3. Proporzjon tal-assi ekoloġiċi għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur

Il-GAR għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur għal self għal proprjetà immobbli residenzjali jew għar-rinnovazzjoni ta' djar għandu jiġi kkalkulat bħala proporzjon ta' self lil unitajiet domestiċi kollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali jew mogħti għal skopijiet ta' rinnovazzjoni ta' djar li huwa allinjat mat-tassonomija skont il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar għall-bini, jiġifieri r-rinnovazzjoni u l-akkwist u s-sjieda skont il-punti 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6., u 7.7. rispettivament, tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima, meta mqabbel mas-self totali lil unitajiet domestiċi kollateralizzati minn proprjetà immobbli residenzjali jew mogħtija għal skopijiet ta' rinnovazzjoni tad-djar. Dan il-GAR għandu jinkludi divulgazzjoni tal-attivitajiet tranżizzjonali, u divulgazzjoni tal-stokks u l-fluss. Dan il-GAR għandu japplika biss għal investimenti rilevanti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Il-GAR għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur għal self tal-konsum tal-kreditu għal self tal-karozzi għandu jiġi kkalkulat bħala l-proporzjon ta' self li jiffinanzja karozzi li jikkonforma mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar kif stabbilit fit-Taqsima 6.5. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima. Dan il-GAR għandu jinkludi divulgazzjoni tal-attivitajiet tranżizzjonali, u divulgazzjoni tal-istokks ta' self biss għal self mogħti wara [id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u l-fluss ta' self. Dan il-GAR għandu japplika biss għal investimenti rilevanti għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Il-KPIs dwar l-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-tassonomija għandhom japplikaw biss għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(i) ***Self għal proprjetà immobbli residenzjali***

Id-divulgazzjoni tal-KPI tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandha tkopri l-portafoll tas-self għall-konsumatur, b'mod partikolari l-portafoll tas-self ipotekarju. Dan il-KPI għandu jiġi ddivulgat billi titqies il-konformità mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar għall-bini kif stabbilit fit-Taqsimiet 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6. u 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw il-KPI għall-portafoll tagħhom ta' self għal proprjetà immobbli residenzjali bħala proporzjon ta' self lil unitajiet domestiċi kollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali li jikkontribwixxi għall-objettiv ambjentali tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima kif stabbilit fit-Taqsimiet 7.2., 7.3., 7.4., 7.5., 7.6. u 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima, meta mqabbel mas-self totali lil unitajiet domestiċi kollateralizzati bi proprjetà immobbli residenzjali.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar l-istokk ta' self mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni, u informazzjoni dwar il-flussi ta' self ġdid matul il-perjodu ta' divulgazzjoni.

In-numeratur tal-proporzjon għandu jinkludi l-ammont riportat gross ta' self għal proprjetà immobbli residenzjali konformi mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar fit-Taqsima 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima.

Fin-numeratur tal-proporzjon, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw ukoll dak is-self mogħti għar-rinnovazzjoni ta' bini jew ta' dar skont il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar għall-bini skont it-Taqsima 7.2., 7.3., 7.4., 7.5. u 7.6. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima.

Id-denominatur għandu jinkludi l-ammont riportat gross totali ta' self lil unitajiet domestiċi kollateralizzat bi proprjetà residenzjali flimkien mal-ammont riportat gross totali ta' self ta' rinnovazzjoni tad-djar lil unitajiet domestiċi, filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju ta' self f'każ li dan tal-aħħar ikun self kollateralizzat.

(ii) ***Livell tal-konsumaturi — Self għal konsum ta' krediti għall-karozzi***

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw KPI għas-self mogħti lill-unitajiet domestiċi għall-akkwist ta' vettura bil-mutur (self għall-karozzi). KPI għandu jkun il-proporzjon ta' self assoċjat ma' karozzi li jikkonforma mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar skont it-Taqsima 6.5. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu dak is-self għall-karozzi mogħti mid-data tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni, kemm għall-KPI dwar l-istokk kif ukoll dwar self ġdid. Aġġornament dwar l-istokk ta' self mogħti qabel id-data tal-applikazzjoni ma għandux jitqies.

1.2.1.4. Il-GAR għal self u avvanzi li jiffinanzjaw akkomodazzjoni pubblika u self speċjalizzat ieħor lill-awtoritajiet pubbliċi

Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkollhom mudell kummerċjali bbażat fil-biċċa l-kbira fuq il-finanzjament tad-djar pubbliċi, dawn għandhom jiddivulgaw il-KPI dwar il-proporzjon ta' konformità mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar skont it-Taqsima 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima ta' binjiet li x-xiri tagħhom l-istituzzjoni ta' kreditu tkun qed tiffinanzja. Dan il-GAR għandu jiġi stmat u ddivulgat mill-istituzzjoni ta' kreditu bħala proporzjon ta' self lil muniċipalitajiet li jiffinanzjaw akkomodazzjoni pubblika konformi mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar skont it-Taqsima 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima meta mqabbel mas-self totali lill-muniċipalitajiet li jiffinanzjaw l-akkomodazzjoni pubblika. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tinkludi divulgazzjonijiet tal-istokks u tal-fluss.

Il-metodoloġija għall-komputazzjoni tan-numeratur u tad-denominatur għandha tkun l-istess bħall-metodoloġija għas-self ta' proprjetà immobbli residenzjali.

Għall-finanzjament ta' attivitajiet u assi oħra minbarra l-akkomodazzjoni pubblika, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw l-ammont riportat gross tal-iskoperturi tal-proġett ta' finanzjament għall-awtorità pubblika sal-punt u l-proporzjon li l-proġett iffinanzjat jiffinanzja attività ekonomika allinjata mat-Tassonomija. Il-valutazzjoni ta' jekk kienx hemm konformità ma' dak ir-rekwiżit għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità pubblika dwar il-proġett jew l-attivitajiet li għalihom se jiġi applikat ir-rikavat. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu informazzjoni dwar it-tip ta' attività ekonomika li hija ffinanzjata. Ma għandux ikun permess għadd doppju. Meta l-istess skopertura għal self speċjalizzat tkun rilevanti għal żewġ objettivi ambjentali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jallokawha għall-aktar objettiv rilevanti.

1.2.1.5. Skoperturi oħrajn fil-karta bilanċjali – Kollaterali ta' proprjetà immobbli meħuda lura

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw il-KPI għall-proporzjon tal-konformità mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar fit-Taqsima 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima tal-portafoll tagħhom ta' kollateral tal-proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali ripossessata miżmum għall-bejgħ għall-objettiv ambjentali tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima bħala proporzjon ta' kollateral tal-proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali ripossessata li jikkonforma mal-kriterji tekniċi tal-iskrinjar fit-Taqsima 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima, meta mqabbel mal-kollateral tal-proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali ripossessata totali.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw informazzjoni għall-istokk ta' self mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni, u informazzjoni dwar il-flussi ta' assi ġodda matul il-perjodu ta' divulgazzjoni.

In-numeratur tal-proporzjon għandu jinkludi l-ammont riportat gross ta' kollaterali ta' proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali ripossseduta konformi mal-kriterji tekniċi tal-skrinjar għall-bini fit-Taqsima 7.7. tal-Anness I tal-Att Delegat dwar il-Klima.

Id-denominatur għandu jinkludi l-ammont riportat gross totali ta' kollaterali ta' proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali miżmuma għall-bejgħ ripossseduta mill-istituzzjoni ta' kreditu.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar l-istokk ta' self mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni, u informazzjoni dwar il-flussi ta' self ġdid matul il-perjodu ta' divulgazzjoni.

1.2.1.6. GAR totali

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar il-GAR totali. Dan għandu jirrifletti l-valur kumulattiv tal-KPIs ibbażati fuq l-iskopertura, billi jinkludi fid-denominatur it-total tal-assi fuq il-bilanċ mingħajr l-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 7(1) u billi jżdied fin-numeratur totali n-numeraturi tal-iskoperturi ambjentalment sostenibbli tal-KPIs ibbażati fuq l-iskopertura:

(a) total GAR għal attivitajiet ta' finanzjament diretti lejn impriżi finanzjarji, għall-objettivi ambjentali kollha.

(b) total tal-GAR għal attivitajiet ta' finanzjament diretti lejn impriżi mhux finanzjarji, għall-objettivi ambjentali kollha.

(c) il-GAR għal skoperturi ta' proprjetà immobbli residenzjali, inkluż self ta' rinnovazzjoni tad-djar, għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(d) il-GAR għas-self għall-karozzi fil-livell tal-konsumatur, għall-objettiv tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(e) GAR għal self lill-gvernijiet lokali għall-finanzjament ta' djar u self speċjalizzat ieħor.

(f) il-GAR għal kollateral ta' proprjetà immobbli kummerċjali u residenzjali ripossseduta miżmuma għall-bejgħ.

Flimkien mal-GAR totali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw il-perċentwal tal-assi li huma esklużi min-numeratur tal-GAR skont l-Artikolu 7(2) u (3) u t-Taqsima 1.1.2 ta' dan l-Anness.

1.2.2. *Il-KPIs għall-iskoperturi barra l-karta bilanċjali*

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw proporzjon komplementari fil-livell ta' assoċjazzjoni mal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija ta' skoperturi barra l-karta bilanċjali li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiġġestixxu u jidderieġu jew jikkontribwixxu biex jidderieġu l-flussi ta' kapital lejn attivitajiet ekonomiċi li s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom tista' tiġi vvalutata skont ir-Regolament (UE) 2020/852:

(a) garanziji finanzjarji li jappoġġaw self u avvanzi u strumenti oħra ta' dejn lejn impriżi; u

(b) assi mmaniġġati.

1.2.2.1. Proporzjon ekoloġiku għall-garanziji finanzjarji għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji (KPI tal-FinGuar)

Il-proporzjon ekoloġiku għall-garanziji finanzjarji lill-impriżi għandu jiġi definit bħala proporzjon tal-garanziji finanzjarji li jappoġġaw l-istrumenti ta' dejn li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija meta mqabbla mal-garanziji finanzjarji kollha li jappoġġaw it-titoli ta' dejn lill-impriżi. Dan għandu jinkludi divulgazzjoni tal-istokk u l-fluss. Għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, dan għandu jinkludi wkoll divulgazzjonijiet dwar liema huma l-attivitajiet abilitanti u ta' tranżizzjoni. Għall-adattament għat-tibdil fil-klima, dan għandu jinkludi divulgazzjonijiet dwar liema huma l-attivitajiet abilitanti u ta' adattament.

Il-metodoloġija għall-komputazzjoni tal-KPI dwar il-garanziji finanzjarji għandha tkun l-istess bħall-metodoloġija speċifikata għall-KPIs dwar is-self u l-avvanzi u/jew it-titoli ta' dejn lejn l-impriżi, iżda applikata għas-self sottostanti u l-avvanzi/t-titoli ta' dejn li l-istituzzjoni ta' kreditu tappoġġja.

1.2.2.2. Proporzjon ekoloġiku għall-assi mmaniġġati (KPI tal-AuM)

Il-proporzjon ekoloġiku għall-assi mmaniġġati għandu jkun il-proporzjon tal-assi mmaniġġati (strumenti ta' ekwità u ta' dejn) minn impriżi li jiffinanzjaw attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija, meta mqabbel mal-assi totali mmaniġġati (strumenti ta' ekwità u ta' dejn). Dan għandu jinkludi divulgazzjoni tal-istokk u l-fluss. Għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, dan għandu jinkludi wkoll divulgazzjonijiet dwar liema huma l-attivitajiet abilitanti u ta' tranżizzjoni. Għall-adattament għat-tibdil fil-klima, dan għandu jinkludi divulgazzjonijiet dwar liema huma l-attivitajiet abilitanti u ta' adattament.

Il-metodoloġija għall-komputazzjoni tal-KPI tal-AuM għandha tkun l-istess bħall-metodoloġija għall-maniġers tal-assi f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

1.2.3. *Il-KPIs dwar is-servizzi minbarra s-self – Tariffi u Kummissjonijiet (KPI F u C)*

Il-KPI għad-dħul mit-tariffi u mill-kummissjonijiet marbuta mas-servizzi assoċjati mal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija tal-impriżi, għandu jiġi ddefinit bħala proporzjon tat-tariffi tal-istituzzjoni ta' kreditu u d-dħul mill-kummissjonijiet mill-impriżi, derivat minn prodotti jew servizzi għajr is-self assoċjat ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija, meta mqabbel mat-tariffi totali u d-dħul mill-kummissjonijiet mill-impriżi minn prodotti jew minn servizzi għajr is-self.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw id-dħul mit-tariffi u mill-kummissjonijiet marbuta mas-servizzi pprovduti għajr is-self u l-ġestjoni tal-assi, inklużi s-servizzi li ġejjin (kif irrapportati mill-istituzzjonijiet f'konformità mal-formola 22.1 "Introjtu u spejjeż tat-tariffi u kummissjonijiet skont l-attività" stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014):

(a) ħruġ jew servizzi oħrajn relatati ma' titoli ta' parti terza;

(b) il-wasla, it-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni f'isem il-klijenti ta' ordnijiet għax-xiri jew għall-bejgħ ta' titoli;

(c) servizzi ta' konsulenza dwar impriżi ta' fużjoni u akkwist;

(d) servizzi ta' finanzjament ta' impriżi relatati ma' konsulenza dwar is-suq kapitali għal impriżi klijenti jew oħrajn;

(e) tariffi relatati mal-banek privati;

(f) servizzi tal-ikklerjar u s-saldu;

(g) kustodja u servizzi relatati oħrajn;

(h) servizzi ta' pagament;

(i) dħul minn tariffi u kummissjonijiet għad-distribuzzjoni ta' prodotti maħruġa minn entitajiet barra l-grupp prudenzjali lill-klijenti kurrenti tiegħu;

(j) attivitajiet ta' servizzjar tas-self;

(k) servizzi tal-kambju u tranżazzjonijiet internazzjonali.

In-numeratur tal-KPI għandu jinkludi d-dħul mit-tariffi u mill-kummissjonijiet kif speċifikat fil-paragrafu 284 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014, minn servizzi għajr is-self u l-ġestjoni tal-assi pprovduti lill-impriżi, assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija. Dan għandu jiġi stmat billi jiġi ponderat id-dħul mit-tariffi u mill-kummissjonijiet minn kull kontroparti mal-proporzjon tal-fatturat u l-CapEx assoċjat mal-attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija tal-impriża li tikkontribwixxi għall-objettiv ambjentali rilevanti kif divulgat mill-impriża f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852. Għall-impriżi finanzjarji, il-proporzjon għall-kontroparti li għandu jiġi applikat għandu jkun l-istess bħal dak għall-KPIs għal dawn l-impriżi.

Id-denominatur għandu jkun l-ammont totali tal-introjtu minn tariffi u kummissjonijiet tal-impriżi minn prodotti jew servizzi għajr is-self u l-ġestjoni tal-assi.

1.2.4. *Divulgazzjonijiet oħra fil-GAR: GAR għall-portafoll tan-negozjar*

Il-portafoll tan-negozjar għandu jiġi eskluż mid-denominatur u mill-kopertura tal-GAR totali.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet dwar il-politika ta' investiment rigward il-portafoll tan-negozjar tagħhom, il-kompożizzjoni ġenerali, u dwar kwalunkwe xejra f'termini ta' setturi predominanti u l-assoċjazzjoni tagħhom ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija. Huma għandhom jispjegaw ukoll il-limiti potenzjali f'termini ta' riskji klimatiċi u ambjentali f'termini tal-livell ta' assoċjazzjoni ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija u kif dawn jimmaniġġjaw ir-riskji ambjentali li jista' jkollhom impatt fuq il-valur tal-portafoll.

Meta portafoll tan-negozjar ikollu rwol importanti fil-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu, b'mod partikolari meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 325a(1) ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw informazzjoni kwantitattiva u KPIs li juru sa liema punt l-istituzzjoni qed tinnegozja b'assi ambjentalment sostenibbli u sa liema punt qed tikkontribwixxi għall-promozzjoni tan-negozjar ta' dan it-tip ta' assi.

L-awtoritajiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) negozjar totali matul il-perjodu ta' divulgazzjoni fi strumenti allinjati mat-Tassonomija, inkluż xiri assolut flimkien ma' bejgħ assolut ta' titoli ambjentalment sostenibbli;

(b) negozjar totali matul il-perjodu ta' divulgazzjoni tat-titoli, inkluż ix-xiri assolut totali miżjud mal-bejgħ assolut totali tat-titoli.

Ix-xiri assolut flimkien mal-bejgħ assolut ta' titoli ambjentalment sostenibbli għandhom jiġu inklużi fin-numeratur tal-GAR speċifiku għall-Portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni ta' kreditu. Ix-xiri assolut totali flimkien mal-bejgħ assolut totali ta' titoli għandhom jiġu inklużi fid-denominatur tal-GAR għall-Portafoll tan-negozjar.

Il-parti tan-numeratur tal-GAR għall-portafoll tan-negozjar għandha tiġi stmata billi jiġi pponderat l-ammont riportat gross ta' titoli ta' dejn u ta' strumenti ta' ekwità mixtrija u/jew mibjugħa minn kull kontroparti bil-proporzjon ta' fatturat u ta' CapEx assoċjati ma' attivitajiet ekonomiċi allinjati mat-Tassonomija tal-impriża li tikkontribwixxi għall-objettiv ambjentali rilevanti kif iddivulgat minn dik l-impriża f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2020/852 u ma' dan ir-Regolament. Għall-impriżi finanzjarji, il-proporzjon għall-kontroparti li għandu jiġi applikat għandu jkun l-istess bħal tal-KPIs rilevanti għal dawn il-kontropartijiet.

ANNESS VI —

MUDELL GĦALL-KPIS TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU

Numru tal-mudell	Isem
0	Sommarju tal-KPIs
1	Assi għall-kalkolu tal-GAR
2	Informazzjoni tas-settur tal-GAR
3	Stokk ta' KPI GAR
4	Fluss ta' KPI GAR
5	Skoperturi oħra li ma jidhrux fil-karta bilanċjali
6	KPI fuq dħul minn tariffi u kummissjonijiet minn servizzi minbarra self u mmaniġġar tal-assi
7	KPI tal-Portafoll tan-negozjar

0. **Sommarju tal-KPIs li għandhom jiġu divulgati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar it-Tassonomija**

		Totali tal-assi ambjentalment sostenibbli	**KPI******	**KPI*******	**% kopertura (fuq it-total tal-assi)*****
KPI prinċipali	**Stokk tal-proporzjon tal-assi ekoloġiċi (GAR)**				

		Total tal-attivitajiet ambjentalment sostenibbli	KPI	KPI	% kopertura (fuq l-assi totali)
KPIs addizzjonali	*GAR (fluss)*				
	*Portafoll tan-negozjar**				[redacted]
	Garanziji finanzjarji				
	Assi mmaniġġjati				
	*Tariffi u introjtu minn kummissjonijiet***				

* Għal istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 94(1) tas-CRR jew il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 325a(1) tas-CRR

**Tariffi u introjtu minn kummissjonijiet minn servizzi għajr self u assi mmaniġġjati

L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni li tħares 'il quddiem għal dawn il-KPIs, inkluża informazzjoni f'termini ta' miri, flimkien ma' spjegazzjonijiet rilevanti dwar il-metodoloġija applikata.

*** % tal-assi koperti mill-KPI fuq l-assi totali tal-banek

****abbażi tal-KPI tal-fatturat tal-kontroparti

***** abbażi tal-KPI tal-CapEx tal-kontroparti, għajr għal attivitajiet ta' self fejn għas-self ġenerali jintuża l-KPI tal-fatturat

Nota 1: Fil-mudelli kollha tar-rapportar: Iċ-ċelloli bil-kulur iswed ma għandhomx jiġu rrappurtati.
Nota 2: It-tariffi u l-Kummissjonijiet (folja 6) u l-Portafoll tan-Negozjar (folja 7) għandhom japplikaw biss mill-2026. L-inklużjoni tal-SMEs f'dawn il-KPI se tapplika biss jekk ikun hemm riżultat pożittiv ta' valutazzjoni tal-impatt.

1. Assi għall-kalkolu tal-GAR

		a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m	n	o	p	q	r	s	t	u	v	w	x	y	z	aa	ab	ac	ad	ae	af
Miljuni ta' EUR		Data ta' referenza tad-divulgazzjoni T																Data ta' referenza tad-divulgazzjoni T-1															
		Total tal-ammont riportat gross	Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (CCM)					Adattament għat-Tibdil fil-Klima (CCM)					TOTAL (CCM + CCA)					Total tal-ammont riportat gross	Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (CCM)					Adattament għat-Tibdil fil-Klima (CCM)					TOTAL (CCM + CCA)				
			Li minnhom lejn setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)					Li minnhom lejn setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)					Li minnhom lejn setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)						Li minnhom lejn setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)						Li minnhom lejn setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)					Li minnhom lejn setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)				
				Li minnhom ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)					Li minnhom ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)					Li minnhom ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)						Li minnhom ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)						Li minnhom ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)					Li minnhom ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija)				
					Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti			Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom adattament	Li minnhom abilitanti			Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali /adattament	Li minnhom abilitanti				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom adattament	Li minnhom abilitanti				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali /adattament	Li minnhom abilitanti
1	**GAR — Assi koperti kemm fin-numeratur kif ukoll fid-denominatur**																																
2	Self u avvanzi, titoli ta' dejn u strumenti ta' ekwità mhux HFT eliġibbli għall-kalkolu tal-GAR																																
3	**Korporazzjonijiet finanzjarji**																																
4	Istituzzjonijiet ta' kreditu																																
5	Self u avvanzi																																
6	Titoli ta' dejn, inklużUoP																																
7	Strumenti ta' ekwità																																
8	Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn																																
9	Li minnhom ditti tal-investiment																																
10	Self u avvanzi																																
11	Titoli ta' dejn, inklużUoP																																
12	Strumenti ta' ekwità																																
13	Li minnhom kumpanniji manigerjali																																
14	Self u avvanzi																																
15	Titoli ta' dejn, inklużUoP																																
16	Strumenti ta' ekwità																																
17	Li minnhom impriżi tal-assigurazzjoni																																
18	Self u avvanzi																																
19	Titoli ta' dejn, inklużUoP																																
20	Strumenti ta' ekwità																																
21	**Korporazzjonijiet nonfinanzjarji**																																
22	Korporazzjonijiet nonfinanzjarji (Non-financial corporations, NFCs) soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni tal-NFRD																																
23	Self u avvanzi																																
24	Titoli ta' dejn, inklużUoP																																
25	Strumenti ta' ekwità																																
26	**Unitajiet domestiċi**																																
27	Li minnhom self kollateralizzat bi proprjetà immobbli residenzjali																																
28	Li minnhom self għar-rinnovazzjoni tal-bini																																
29	Li minnhom self għal vetturi bil-mutur																																
30	**Finanzjament tal-gvernijiet lokali**																																
31	Kollateral miksub b'pussess: Proprjetajiet immobbli residenzjali u kummerċjali																																
32	Finanzjament ieħor tal-gvern lokali																																
33	**Assi oħra esklużi min-numeratur għall-kalkolu tal-GAR (koperti fid-denominatur)**																																
34	**Korporazzjonijiet nonfinanzjarji**																																
35	SMEs u NFCs (għajr SMEs) mhux soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni tal-NFRD																																
36	Self u avvanzi																																
37	Li minnhom: Self kollateralizzat bi proprjetà immobbli kummerċjali																																
38	Li minnhom self għar-rinnovazzjoni tal-bini																																
39	Titoli ta' dejn																																
40	Strumenti ta' ekwità																																
41	Kontropartijiet minn pajjiżi mhux tal-UE li mhumiex soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni tal-NFRD																																
42	Self u avvanzi																																
43	Titoli ta' dejn																																
44	Strumenti ta' ekwità																																
45	**Derivattivi**																																
46	**Self interbankarju fuq talba**																																
47	**Flus kontanti u assi relatati ma' flus kontanti**																																
48	**Assi oħra (e.ż. avvjament, komoditajiet eċċ.)**																																
49	**Assi totali GAR**																																
50	**Assi oħrajn mhux koperti għall-kalkolu tal-GAR**																																
51	**Sovrani**																																
52	**Skoperturi tal-banek ċentrali**																																
53	**Portafoll tan-negozju**																																
54	**Assi totali**																																
Skoperturi barra l-karta bilanċjali — Korporattivi soġġetti għall-obbligi ta' divulgazzjoni tal-NFRD																																	
55	Garanziji finanzjarji																																
56	Assi mmaniġġjati																																
57	Li minnhom titoli ta' dejn																																
58	Li minnhom strumenti ta' ekwità																																

1. Dan il-mudell għandu jinkludi informazzjoni għal self u avvanzi, titoli ta' dejn u strumenti ta' ekwità fil-portafoll bankarju, lejn korporazzjonijiet finanzjarji, korporazzjonijiet mhux finanzjarji (MFC), inklużi SMEs, unitajiet domestiċi (inklużi proprjetà immobbli residenzjali, self għar-rinnovazzjoni tad-djar u self għal vetturi bil-mutur bisq u gvernijiet/muniċipalitajiet lokali (finanzjament tad-djar).

2. Il-kategoriji kontabilistiċi tal-assi finanzjarji li jeżistu għandhom jiġu kkunsidrati: Assi finanzjarji b'kost amortizzat, assi finanzjarji b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv oħor, investimenti f'sussidjarji, impriżi konġunti u kumpaniji assoċjati, assi finanzjarji speċifikati fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf u assi finanzjarji mhux tan-negozjar b'mod obbligatorju fil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, u kollateral ta' proprjetà immobbli miksuba minn istituzzjonijiet ta' kreditu bħli ittiefed pussess bi skambju mal-kanċellazzjoni ta' djun.

3. Il-banek b'sussidjarji mhux tal-UE għandhom jipprovdu din l-informazzjoni b'mod separat għall-iskoperturi fil-konfront ta' kontropartijiet mhux tal-UE. Għal skoperturi mhux tal-UE, filwaqt li hemm sfidi addizzjonali f'termini ta' nuqqas ta' rekwiżiti u metodoloġija komuni ta' divulgazzjoni, peress li t-tassonomija tal-UE u l-NFRD japplikaw biss fil-livell tal-UE, minħabba r-rilevanza ta' dawn l-iskoperturi għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu b'sussidjarji mhux tal-UE, dawn l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw GAR separat għal skoperturi mhux tal-UE, fuq bażi tal-aħjar sforz, fil-forma ta' stimi u medji, bl-użu ta' indikaturi, u spjegazzjoni tas-suppożizzjonijiet, twissijiet u limitazzjonijiet

4. Għal self ta' vetturi bil-mutur, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu biss dawk l-iskoperturi ġġenerati wara d-data tal-applikazzjoni tad-divulgazzjoni

2. **GAR Informazzjoni dwar is-settur**

	a	b	c	e	f	h	i	k	l	n	o	q	r
		Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (CCM)				**Adattament għat-Tibdil fil-Klima (CCM)**				**TOTAL (CCM + CCA)**			
		Korporazzjonijiet mhux		SMEs u NFC oħrajn		Korporazzjonijiet mhux		SMEs u NFC oħrajn		Korporazzjonijiet		SMEs u NFC oħrajn mhux	
	Analiżi dettaljata skont is-settur — livell NACE b'4 ċifri (kodiċi u tikketta)	Ammont riportat gross		Ammont riportat gross		Ammont riportat gross		Ammont riportat gross		Ammont riportat gross		Ammont riportat gross	
		Miljun EUR	Li minnhom ambjentalment sostenibbli	Miljun EUR	Li minnhom ambjentalment sostenibbli	Miljun EUR	Li minnhom ambjentalment sostenibbli	Miljun EUR	Li minnhom ambjentalment	Miljun EUR	Li minnhom ambjentalment sostenibbli	Miljun EUR	Li minnhom ambjentalment sostenibbli (CCM + CCA)
1													
2													
3													
4													
...													

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddivulgaw f'dan il-mudell informazzjoni dwar l-iskoperturi fil-portafoll bankarju lejn dawk is-setturi koperti mit-Tassonomija (il-livelli ta' dettall 4 tas-setturi tan-NACE), bl-użu tal-Kodiċijiet NACE rilevanti fuq il-bażi tal-attività prinċipali tal-kontroparti

2. L-allokazzjoni tal-kontroparti għal settur tan-NACE għandha tkun ibbażata esklussivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed għandha ssir abbażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-iktar rilevanti, jew determinanti, sabiex l-istituzzjoni tagħti l-iskopertura. Id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrba b'mod konġunt minn kodiċijiet tan-NACE għandha tkun xprunata mill-karatteristiċi tal-obbligant l-aktar rilevanti jew determinanti. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni skont il-kodiċijiet tan-NACE bil-livell ta' diżaggregazzjoni meħtieġ fil-mudell.

3. **Stokk ta' KPI GAR**

1. L-istituzzjoni għandha tiddivulga f'dan il-mudell il-KPIs tal-GAR dwar l-istokk ta' self ikkalkulat abbażi tad-data divulgata fil-Mudell 1, fuq assi koperti, u bl-użu tal-formuli proposti f'dan il-mudell.

2. L-informazzjoni dwar il-GAR (il-proporzjon tal-assi ekoloġiċi ta' attività jiet "eliġibbli") għandha tkun akkumpanjata b'informazzjoni dwar il-proporzjon tal-assi totali koperti mill-GAR.

3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu, minbarra l-informazzjoni inkluża f'dan il-mudell, juru l-proporzjon ta' assi li jiffinanzjaw setturi rilevanti għat-tassonomija li huma ambjentalment sostenibbli (allinjati mat-Tassonomija). Din l-informazzjoni tarrikkixxi l-informazzjoni dwar il-KPI dwar assi ambjentalment sostenibbli meta mqabbla mat-total tal-assi koperti

		a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m	n	o	p	q	r	s	t	u	v	w	x	y	z	aa	ab	ac	ad	ae	af
		Data ta' referenza tad-divulgazzjoni T																Data ta' referenza tad-divulgazzjoni T-1															
		Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (CCM)					Adattament għat-Tibdil fil-Klima (CCM)					TOTAL (CCM + CCA)						Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (CCM)					Adattament għat-Tibdil fil-Klima (CCM)					TOTAL (CCM + CCA)					
% (imqabbel mal-assi koperti totali fid-denominatur)		Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-assi totali koperti	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-assi totali koperti	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)	Proporzjon tat-assi totali koperti
				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti			Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti	
1	**GAR — Assi koperti kemm fin-numeratur kif ukoll fid-denominatur**																																
2	Self u avvanzi, titoli ta' dejn u strumenti ta' ekwità mhux HFT eliġibbli għall-kalkolu tal-GAR																																
3	**Korporazzjonijiet finanzjarji**																																
4	Istituzzjonijiet ta' kreditu																																
5	Self u avvanzi																																
6	Titoli ta' dejn, inkluż UoP																																
7	Strumenti ta' ekwità				[redacted]					[redacted]					[redacted]						[redacted]					[redacted]					[redacted]		
8	Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn																																
9	Li minnhom ditti tal-investiment																																
10	Self u avvanzi																																
11	Titoli ta' dejn, inkluż UoP																																
12	Strumenti ta' ekwità				[redacted]					[redacted]					[redacted]						[redacted]					[redacted]					[redacted]		
13	Li minnhom kumpanniji manigerjali																																
14	Self u avvanzi																																
15	Titoli ta' dejn, inkluż UoP																																
16	Strumenti ta' ekwità				[redacted]					[redacted]					[redacted]						[redacted]					[redacted]					[redacted]		
17	Li minnhom impriżi tal-assigurazzjoni																																
18	Self u avvanzi																																
19	Titoli ta' dejn, inkluż UoP																																
20	Strumenti ta' ekwità				[redacted]					[redacted]					[redacted]						[redacted]					[redacted]					[redacted]		
21	**Korporazzjonijiet nonfinanzjarji**																																
22	Korporazzjonijiet nonfinanzjarji (Non-financial corporations, [illegible]																																
23	Self u avvanzi																																
24	Titoli ta' dejn, inkluż UoP																																
25	Strumenti ta' ekwità				[redacted]					[redacted]					[redacted]						[redacted]					[redacted]					[redacted]		
26	**Unitajiet domestiċi**																																
27	Li minnhom self kollateralizzat bi proprjetà immobbli residenzjali																																
28	Li minnhom self għar-rinnovazzjoni tal-bini																																
29	Li minnhom self għal vetturi bil-mutur																																
30	**Finanzjament tal-gvernijiet lokali**																																
31	Kollateral miksub b'pussess: Proprjetajiet immobbli residenzjali u kummerċjali																																
32	Finanzjament ieħor tal-gvern lokali																																
49	**Assi totali GAR**																																

4. Fluss ta' KPI GAR

1. L-istituzzjoni għandha tiddivulga f'dan il-mudell il-KPIs tal-GAR fuq il-fluss ta' self ikkalkulat (self ġdid fuq bażi netta) abbażi tad-*data* divulgata fil-Mudell 1, fuq assi koperti, u billi tapplika l-formuli proposti f'dan il-mudell

		a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m	n	o	p
	% (imqabbel mal-fluss tat-total tal-assi eliġibbli)	Data ta' referenza tad-divulgazzjoni T															
		Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima (CCM)					Adattament għat-Tibdil fil-Klima (CCM)					TOTAL (CCM + CCA)					
		Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)					Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)					Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (eliġibbli għat-tassonomija)					Proporzjon tat-total tal-assi ġodda koperti
			Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)					Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)					Proporzjon tat-total tal-assi koperti li jiffinanzjaw is-setturi rilevanti għat-tassonomija (allinjati mat-tassonomija)				
				Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti			Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti			Li minnhom self speċjalizzat	Li minnhom tranżizzjonali	Li minnhom abilitanti	
1	**GAR — Assi koperti kemm fin-numeratur kif ukoll fid-denominatur**																
2	Self u avvanzi, titoli ta' dejn u strumenti ta' ekwità mhux HfT eliġibbli għall-kalkolu tal-GAR																
3	**Korporazzjonijiet finanzjarji**																
4	Istituzzjonijiet ta' kreditu																
5	Self u avvanzi																
6	Titoli ta' dejn, inkluż UoP																
